



Werrej

#### II Atti mhux leġiżlattivi

##### REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1360 tal-4 ta' Awwissu 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 407/2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja** ..... 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1361 tas-6 ta' Awwissu 2015 li jħassar id-dazju definittiv antidumping fuq importazzjonijiet ta' ċerti xemgħat, kandiletti u bħalhom li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009** ..... 3
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1362 tas-6 ta' Awwissu 2015 li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-użu tad-diossidu tas-siliċju (E 551) fl-estratti tal-klin (E 392) <sup>(1)</sup>** ..... 22
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1363 tas-6 ta' Awwissu 2015 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 dwar l-entrata għall-Istati Uniti fil-lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu importati ċerti prodotti tat-tjur lejn l-Unjoni jew isir tranżitu minnha fir-rigward tat-tifqigħat tal-influenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'dak il-pajjiż <sup>(1)</sup>** ..... 24
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1364 tas-6 ta' Awwissu 2015 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 35

##### Rettifika

- ★ **Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1278 tad-9 ta' Lulju 2015 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet fir-rigward ta' struzzjonijiet, formoli u definizzjonijiet (ĠU L 205, 31.7.2015)** ..... 38

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE

- ★ **Rettifika tad-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika, tal-4 ta' April 2002 dwar il-konklużjoni tas-seba' Ftehim mal-Konfederazzjoni Svizzera (2002/309/KE, Euratom) (ĠU L 114, 30.4.2002) (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 11 Volum 041 p. 89) .....** 38
- ★ **Rettifika tad-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE tal-25 ta' Frar 1992 dwar l-arranġamenti ġenerali għall-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa u dwar iż-żamma, ċaqliq u mmonitorjar ta' dan it-tip ta' prodotti (ĠU L 76, 23.3.1992) (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Volum 1, p. 179)** 39

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2015/1360

tal-4 ta' Awwissu 2015

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 407/2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabilizzazzjoni finanzjarja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 122(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-livell ta' integrazzjoni ekonomika u monetarja fiż-żona tal-euro żdied tul dawn l-aħħar snin u kull għajjnuna finanzjarja li jkollha tingħata lil Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro u li jiffaċċa diffikultajiet fnanzjarji serji tkun ta' benefiċċju għall-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro kollha kemm hi.
- (2) Barra minn hekk, mindu ġie stabbilit il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (European Financial Stabilisation Mechanism, EFSM), permezz tad- Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2011/199/UE <sup>(1)</sup>, ġie miżjud paragrafu ġdid fl-Artikolu 136 tat-Trattat, li jiċċara taħt liema kundizzjonijiet l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jistgħu jistabbilixxu mekkaniżmu ta' stabbiltà għaż-żona tal-euro. Il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) ġie stabbilit mill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro bħala l-mekkaniżmu ewlieni ta' stabbiltà għaż-żona tal-euro.
- (3) Il-MES jista' jipprovi għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni lill-Istati Membri kollha, meta jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 122(2) tat-Trattat u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 <sup>(2)</sup>. Madankollu, ir-riskji marbuta ma' sitwazzjoni fejn Stat Membru jitlef l-aċċess għas-swieq ivarjaw b'mod fundamentali, skont jekk dak l-Istat Membru ikunx membru taż-żona tal-euro. L-effetti sekondarji negattivi potenzjali huma konsiderevolment ogħla għaż-żona tal-euro, fejn Stat Membru f'diffikultajiet fnanzjarji jista' joħloq riskji għall-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro kollha kemm hi.
- (4) L-istrument fnanzjarju li għandu jintuża biex tingħata għajjnuna fnanzjarja lil Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro għandu jkun, bħala regola, il-MES skont ir-regoli miftehmin tiegħu. Madankollu, jista' jkun hemm sitwazzjonijiet eċċezzjonali fejn raġunijiet prattiċi, proċedurali jew fnanzjarji jitolbu l-użu tal-EFSM, ġeneralment qabel jew flimkien ma' għajjnuna fnanzjarja mill-MES. Dawk is-sitwazzjonijiet jeħtieġu t-traspożizzjoni tal-prinċipju ta' solidarjetà msaħħa bejn l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, li hija meħtieġa għall-funzjonament tajjeb ta' unjoni monetarja, għall-mekkaniżmu ta' għajjnuna fnanzjarja taħt il-liġi tal-Unjoni.
- (5) Ftali ċirkustanzi, l-għoti ta' għajjnuna fnanzjarja għada mill-Unjoni lil Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro għandu jsir kundizzjonali fuq it-twaqqif ta' arranġamenti li jiżguraw li l-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro jkunu kkompensati bis-sħiħ fil-każ li jkun hemm nuqqas ta' pagament taħt il-faċilità tal-EFSM, li jirriżulta fl-użu ta' riżorsi fil-baġit ġenerali tal-Unjoni u/jew f'domanda magħmula mill-Kummissjoni għal riżorsi

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2011/199/UE tal-25 ta' Marzu 2011 li temenda l-Artikolu 136 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' mekkaniżmu ta' stabbiltà għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (ĠU L 91, 6.4.2011, p. 1).

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabilizzazzjoni fnanzjarja (ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1).

addizzjonali minn Stati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro. Għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti adegwati li jiżguraw li ma jingħatax kumpens eċċessiv lil Istituti Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro meta jiġu attivati strumenti għall-protezzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni, inkluż l-irkupru ta' dejn, fejn meħtieġ bit-taċċja ta' ammonti riċevibbli u pagamenti maż-żmien.

- (6) Id-djun taħt l-EFSM huma garantiti mill-baġit ġenerali tal-Unjoni. Fil-każ ta' inadempjenza taħt tali dejn, il-Kummissjoni tista' sejjaħ għal fondi addizzjonali b'eċċess għall-assi tagħha b'kont meħud ta' kwalunkwe bilanċi likwidi żejda, għat-trattament tad-dejn tal-Unjoni. Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(1)</sup> u r-regoli dettaljati tiegħu jipprovdu għal strumenti li jipproteġu l-baġit ġenerali tal-Unjoni, inkluż l-irkupru ta' dejn, fejn meħtieġ bit-taċċja ta' ammonti riċevibbli u pagamenti maż-żmien. Se tkun il-Kummissjoni li tapplika dawk l-istrumenti.
- (7) Kwalunkwe użu tal-EFSM għall-finijiet ta' salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja ta' Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro se jsir kundizzjonali fuq it-twaqqif ta' arranġamenti li jiżguraw li ma tinħoloq ebda responsabbiltà finanzjarja għall-Istituti Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro. Dak il-prinċipju ġie approvat fis-17 ta' Lulju 2015 f'Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u tal-Kunsill dwar l-użu tal-EFSM.
- (8) Ir-Regolament (UE) Nru 407/2010 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

Fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 407/2010 jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“2a. Fejn l-Istat Membru benefiċjarju jkun Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, l-għoti ta' għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni għandu jkun kundizzjonali fuq il-leġislazzjoni ta' dispożizzjonijiet legalment vinkolanti, bit-twaqqif ta' arranġament dedikat għal dak l-iskop qabel ir-rilaxx ta' fondi, li jiggwarantixxu li l-Istituti Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro jiġu kkompensati minnufih u bis-sħiħ għal kull responsabbiltà li jistgħu jinkorru bħala riżultat ta' kull nuqqas mill-Istat Membru benefiċjarju biex iħallas lura l-għajjnuna finanzjarja skont it-termini tagħha.

Għandhom jiġu wkoll stabbiliti arranġamenti adegwati sabiex jiżguraw li ma jingħatax kumpens eċċessiv lil Stati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro meta jiġu attivati strumenti għall-protezzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni, inkluż l-irkupru ta' dejn, fejn meħtieġ bit-taċċja ta' ammonti riċevibbli u pagamenti maż-żmien.”

#### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istituti Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Awwissu 2015.

Għall-Kunsill  
Il-President  
J. ASSELBORN

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1361****tas-6 ta' Awwissu 2015**

**li jħassar id-dazju definittiv antidumping fuq importazzjonijiet ta' ċerti xemgħat, kandiletti u bħalhom li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea <sup>(1)</sup> ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

**A. PROCĊEDURA****1. Il-miżuri fis-seħħ**

- (1) Il-Kunsill, wara investigazzjoni dwar l-antidumping ("l-investigazzjoni oriġinali"), impona, permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 393/2009 <sup>(2)</sup>, dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti xemgħat, kandiletti u bħalhom, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 3406 00 00 (Kodiċi TARIC 3406 00 00 90) u li joriġinaw mir-Repubblika Tal-Poplu taċ-Ċina ("il-miżuri tal-antidumping definittivi").
- (2) Il-miżuri ħadu l-forma ta' ammont fiss ta' euro għal kull tunnellata ta' kontenut ta' fjuwil (ġeneralment iżda mhux neċessarjament fil-forma ta' xaħam, stearina, xama' tal-paraffina jew xemgħat oħra, inkluż in-niċċa) stabbilit f'EUR 549,33 għal kull tunnellata ta' fjuwil.
- (3) Ġew stabbiliti dazji fissi individwali tal-produtturi esportaturi li ġejjin: Aroma Consumer Products (Hangzhou) Co., Ltd (321,83 EUR/tunnellata), Dalian Bright Wax Co., Ltd (171,98 EUR/tunnellata), Dalian Talent Gift Co., Ltd (367,09 EUR/tunnellata). Dawn il-kumpaniji kienu soġġetti għal rata ta' dazju żero: Gala-Candles (Dalian) Co., Ltd, M.X. Candles and Gifts (Taicang) Co., Ltd, Ningbo Kwung's Home Interior & Gift Co., Ltd, Ningbo Kwung's Wisdom Art & Design Co., Ltd, u l-kumpanija relata tagħha Shaoxing Koman Home Interior Co., Ltd u Qingdao Kingking Applied Chemistry Co., Ltd.
- (4) Peress li t-teħid ta' kampjuni kien applikat fl-investigazzjoni oriġinali, dazju medju għall-produtturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun għal EUR 345,86 għal kull tunnellata ta' kontenut ta' fjuwil b'hekk ġie stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku. Id-dazju għall-kumpaniji l-oħra kollha ġie stabbilit għal EUR 549,33 għal kull tunnellata ta' kontenut ta' fjuwil.

**2. Talba għal rieżami ta' skadenza**

- (5) Wara l-pubblikazzjoni ta' avviż dwar l-iskadenza imminenti <sup>(3)</sup> tal-miżuri tal-antidumping definittivi fis-seħħ, fl-14 ta' Frar 2014 il-Kummissjoni rċeviet talba għall-bidu ta' rieżami ta' skadenza ta' dawn il-miżuri skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.
- (6) It-talba ġiet ippreżentata fis-16 ta' Frar 2014 minn produtturi tax-xemgħat fl-UE ("l-applikanti") li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produtturi totali tal-Unjoni ta' ċerti xemgħat, kandiletti u bħalhom.
- (7) It-talba kienet imsejsa fuq ir-raġuni li l-iskadenza tal-miżuri aktarx twassal għall-kontinwazzjoni ta' dumping u r-rikorrenza ta' ħsara għall-industrija tal-Unjoni.

<sup>(1)</sup> ĠUL 343, 22.12.2009, p. 51.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 393/2009 tal-11 ta' Mejju 2009 li jimponi dazju definittiv kontra d-dumping u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti xemgħat, kandletti u prodotti simili li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠUL 119, 14.5.2009, p. 1).

<sup>(3)</sup> Notifika ta' skadenza imminenti ta' ċerti miżuri ta' antidumping (ĠU C 270, 19.9.2013, p. 11).

### 3. Bidu ta' rieżami ta' skadenza

- (8) Wara li ddeterminat, sussegwentement għal konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li kienet teżisti biżżejjed evidenza għall-bidu ta' rieżami ta' skadenza, fl-14 ta' Mejju 2014 il-Kummissjoni ħabbret, permezz ta' avviż ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup> ("l-avviż ta' bidu"), il-bidu ta' rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

### 4. L-investigazzjoni

#### 4.1. Perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami u l-perjodu kkunsidrat

- (9) L-investigazzjoni ta' kontinwazzjoni ta' dumping kopriet il-perjodu ta' bejn l-1 ta' April 2013 u t-31 ta' Marzu 2014 ("il-perjodu ta' investigazzjoni tar-reviżjoni" jew "il-PIR"). L-eżami tat-tendenzi rilevanti għall-verifika tal-probabbiltà ta' rikorrenza tal-ħsara kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2011 sa tmien il-PIR ("il-perjodu kkunsidrat").

#### 4.2. Partijiet ikkonċernati mill-investigazzjoni

- (10) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-applikanti, lill-produtturi l-oħra magħrufa tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa fir-RPĊ soġġetti għal miżuri antidumping, lill-importaturi mhux relatati, lill-utenti li huma magħrufa li huma involuti, u lill-awtoritajiet tar-RPĊ dwar it-tneġġja tal-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza. Il-partijiet kollha interessati ngħataw l-oportunità li jagħtu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u biex jitolbu smigħ fil-limitu taż-żmien stabbilit fin-notifika tal-bidu.

#### 4.3. Kampjunar

- (11) Skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku, minħabba li jidher li hemm għadd kbir ta' produtturi esportaturi fir-RPĊ u importaturi mhux relatati fl-Unjoni involuti, ġie meġjus xieraq li jiġi eżaminat jekk it-teħid ta' kampjuni għandux jiġi applikat. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk it-teħid ta' kampjuni huwiex meħtieġ u, jekk iva, tagħżel kampjun, daww il-partijiet ġew mitluba li jagħmlu infushom magħrufa lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum mill-inizjazzjoni tar-rieżami u biex jipprovdu, kif ġie speċifikat fl-avviż tal-inizjazzjoni, informazzjoni bażika dwar l-attivitajiet tagħhom relatati mal-prodott ikkonċernat matul il-perjodu bejn l-1 ta' April 2013 u l-31 ta' Marzu 2014.
- (12) 25 produttur esportatur fir-RPĊ ippreżenta informazzjoni valida fil-qafas tal-eżerċizzju tat-teħid tal-kampjuni u qablu li jikkoperaw fl-investigazzjoni. Dawn ammontaw għal 36 % tal-volum totali ta' importazzjonijiet magħmula fl-Unjoni minn kumpaniji Ċiniżi soġġetti għal dazji antidumping matul il-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami. Minħabba n-numru relattivament kbir ta' produtturi esportaturi fir-RPĊ li qablu li jikkoperaw fl-investigazzjoni, ġie deċiż li jiġi limitat in-numru ta' partijiet li jridu jiġu investigati għal kampjun fuq il-bażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' produzzjoni u bejgħ ta' esportazzjoni li b'mod raġonevoli jista' jkun investigat fiż-żmien disponibbli skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku. Il-kampjun magħżul kien jikkonsisti minn erba' produtturi esportaturi li ammonta għal 21 % tal-volum totali ta' esportazzjonijiet magħmula minn kumpaniji soġġetti għal dazji. Id-dejta tagħhom ġiet i-verifikata matul iżjarat ta' verifika fuq il-post.
- (13) Skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-partijiet ikkonċernati u l-awtoritajiet Ċiniżi ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun. Produttur esportatur wieħed inkluż fil-proposta inizjali iddeċieda li jirtira l-koperazzjoni tiegħu. Produttur esportatur wieħed talab li jiġi inkluż fil-kampjun fuq il-bażi tal-piż tal-esportazzjonijiet tiegħu. Għalhekk, il-kampjun finali kien stabbilit skont dan.
- (14) It-tweġibiet għall-kwestjonarju waslu mingħand importaturi tal-Unjoni wieħed. Għalhekk it-teħid ta' kampjuni ma kienx neċessarju biex tiġi eżaminata s-sitwazzjoni ta' importaturi mhux relatati.
- (15) Kif spjegat aktar fil-premessa 73 hawn taħt, fl-istadju preliminari tal-investigazzjoni, 26 produttur tal-Unjoni jew grupp ta' produtturi qablu li jikkoperaw fl-investigazzjoni. Minħabba n-numru kbir ta' produtturi li kkooperaw, il-Kummissjoni iddeċidiet li tapplika t-teħid ta' kampjuni. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun fuq il-bażi tal-akbar volum rappreżentattiv tal-produzzjoni li seta' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli filwaqt li tqieset ukoll il-firxa ġeografika u kopertura suffiċjenti ta' tipi differenti ta' prodotti. Il-kampjun magħżul kien jikkonsisti f'seba' kumpaniji. Il-kampjun tqies li kien rappreżentattiv u kopra 37 % tal-produzzjoni totali stmata tal-Unjoni ta' xemgħat matul il-PIR.

<sup>(1)</sup> Notifika ta' bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti xemgħat, kandiletti u bħalhom li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU C 144, 14.5.2014, p. 14).

- (16) Fir-rigward l-utenti, l-ebda wieħed minnhom ma ppreżenta ruħu jew offra li jikkoopera fl-investigazzjoni sal-iskadenza mogħtija fl-avviż ta' inizjazzjoni jew aktar tard fil-proċedura.
- (17) Saru żjarat ta' verifika fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:
- (a) Produtturi fl-Unjoni:
- Bolsius International (NL)
  - Vollmar GmbH (DE)
  - GIES Kerzen GmbH (DE) <sup>(1)</sup>
  - Promol Industria de Velas SA (PT)
  - Liljeholmens Stearinfabriks AB (SE)
  - Korona Candles S.A. (PL)
  - Spaas Kaarsen N.V. (BE)
- (b) Importaturi tal-Unjoni
- Asda Stores Limited, Leeds (UK)
- (c) Esportaturi fir-RPĊ:
- Beijing Candleman Candle Co Ltd, No 515 Yanfang Industrial Park, Fangshan District, 102413 Beijing;
  - Dalian Talent Gift co Ltd, Tangfang village Taiping country, 116200 Pulandian;
  - Shanghai Grand Industrial Co., Ltd, Rm.38-301,3/F,No.633 JiangChuan RD, Minhang District, 200240 Shanghai; kif ukoll
  - Zhejiang Neeo Home decoration Co, Ltd, Chengjiang Industry Area, Huang Yan, 318020 Taizhou.
- (d) Produtturi fil-pajjiż analogu:
- Yankee Candle, South Deerfield, Massachusetts, USA

## 5. Żvelar

- (18) Il-partijiet kollha interessati ġew mgħarrfa bil-fatti essenzjali u l-kunsiderazzjonijiet li wasslu għas-sejbiet u l-konklużjonijiet ta' din l-investigazzjoni tar-rieżami tal-iskadenza u ġew mistiedna biex jikkummentaw. Dawn ingħataw ukoll perjodu ta' żmien biex jippreżentaw il-kummenti wara d-divulgazzjoni. Ir-rappreżentant tar-rikorrenti talab kjarifiki u informazzjoni addizzjonali dwar l-imġiba ta' produtturi esportaturi soġġetti għal dazju zero, il-metodoloġija użata biex jiġu stabbiliti l-prezzijiet tal-esportazzjoni Ċiniżi lejn swieq oħra ta' pajjiżi terzi, is-sors ta' informazzjoni pubblika msemmija fil-premessa 29 hawn taħt u l-istima tal-konsum tal-Unjoni matul l-investigazzjoni oriġinali. Il-Kummissjoni pprovdiet il-kjarifiki u l-informazzjoni mitluba bil-miktub fis-27 ta' Mejju 2015 jew fid-dokument ta' żvelar.
- (19) Il-partijiet interessati kollha kellhom l-opportunità li jitolbu seduta mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.
- (20) Fuq talba tar-rappreżentant tar-rikorrenti, saret seduta ta' smiġh ippreseduta mill-Uffiċjal tas-Seduta fis-27 ta' Mejju 2015. Waqt is-seduta, ir-rappreżentant tar-rikorrenti sostna li s-sejbiet tal-Kummissjoni kienu bbażati fuq analiżi inadegwata u/jew li ma kien hemm l-ebda evidenza ta' mġiba futura ta' produtturi esportaturi soġġetti għal dazju zero. Poġġa inkwistjoni wkoll ir-riżultati tal-kalkoli tat-tnaqqis eċċessiv fil-prezzijiet, il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-kapaċità ta' produzzjoni fir-RPĊ u l-attrattività tas-suq tal-Unjoni. Barra minn hekk, intqal li l-fajl mhux kunfidenzjali ma kienx komplut u kien qed juri xi nuqqasijiet. Dawn in-nuqqasijiet ġew rrettifikati malajr kif meħtieġ.
- (21) Kummenti dwar l-informazzjoni żvelata u kjarifiki addizzjonali waslu fit-2 ta' Ġunju 2015. Fejn xieraq tali kummenti ġew ikkunsidrati u meqjusa.

<sup>(1)</sup> GIES, Promol u Liljeholmens huma parti mill-grupp ALG (ALG Holding A.B.).

**B. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI****1. Il-Prodott ikkonċernat**

- (22) Il-prodott soġġett għal dan ir-rieżami huwa xemgħat, kandiletti u bħalhom, ħliet xemgħat taċ-ċimiterju u xemgħat oħrajn ta' barra ("il-prodott rieżaminat"), li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 3406 00 00 (kodiċi TARIC 3406 00 00 90) u li joriġina mir-Repubblika Tal-Poplu taċ-Ċina.
- (23) Għall-għanijiet ta' dan ir-rieżami, "xemgħat taċ-ċimiterju u xemgħat oħrajn ta' barra" tfisser xemgħat, kandiletti u bħalhom, li għandhom waħda mill-karatteristiċi li ġejjin jew aktar:
- il-fjuwil tagħhom fih iktar minn 500 ppm ta' toluwol,
  - il-fjuwil tagħhom fih iktar minn 100 ppm benżin,
  - għandhom niċċa b'dijametru ta' mill-inqas 5 millimetri,
  - huma individwalment ippakkjati f'kontenitur tal-plastik b'ħitan vertikali ta' mill-inqas 5 cm fit-tul.
- (24) Il-prodott taħt rieżami jinsab f'varjetà kbira ta' daqsijiet, forom u piż, jista' jkun abjad jew ikkulurit, jew għal kollox jew biss fuq barra; b'riħa jew bla riħa, u dekorat jew mhux dekorat. Il-wiċċ jista' jkun lixx jew raff. Ix-xemgħat jistgħu jkunu ftazza/vażett, f'kontenituri taċ-ċeramika/tal-aluminju. L-ittikkettar u l-imballaġġ jistgħu jiġu pprovduti fuq talba tax-xerrejja. Madankollu, minkejja dawn id-differenzi, dawn it-tipi kollha tal-prodott taħt rieżami għandhom l-istess karatteristiċi kimiċi u tekniċi bażiċi u l-istess użi u sa ċertu punt jistgħu jinbidlu bejniethom. Għalhekk, huwa kkunsidrat li x-xemgħat kollha koperti minn din l-investigazzjoni huma parti mill-istess prodott.
- (25) Dawn il-karatteristiċi deskritti hawn fuq għandhom effett fuq il-prezz individwali tax-xemgħa iżda statistika tal-importazzjonijiet disponibbli ma tistax taqbad din il-varjetà kbira.

**2. Il-prodott simili**

- (26) L-investigazzjoni wriet li l-prodott prodott u mibjugħ fis-suq domestiku Ċiniż u/jew esportat lejn l-Unjoni u l-prodott magħmul u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi bażiċi u l-istess użu bażiku.
- (27) Il-Kummissjoni ddeċidiet li dawn il-prodotti huma għaldaqstant prodotti simili skont l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

**C. PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI TA' DUMPING**

- (28) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk l-iskadenza tal-miżuri eżistenti hux probabbli li twassal għal kontinwazzjoni ta' dumping mir-RPĊ.

**1. Kummenti preliminari**

- (29) Il-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-dumping kienet ibbażata fuq id-dejta pprovduta mill-partijiet interessati u verifikata kif jixraq, fuq dejta li tinsab fit-talba ta' rieżami tal-iskadenza flimkien mad-dejta miġbura minn sorsi oħra, bħalma huma l-istatistiċi tal-kummerċ dwar l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet (il-Eurostat u bażijiet tad-dejta tal-esportazzjoni Ċiniża) u informazzjoni oħra disponibbli pubblikament bħall-websajts tal-Kummissjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali tal-Istati Uniti u ta' produttori u bejjiegħa ta' xemgħat bl-imnut. Il-Kummissjoni użat ukoll l-informazzjoni kunfidenzjali rappurtata mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 14(6) tar-Regolament bażiku għall-kontroverifika tal-informazzjoni pprovduta mill-partijiet u biex tanalizzata l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet li joriġinaw minn produttori esportaturi Ċiniżi soġġetti għal marġni ta' dumping individwali.
- (30) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni użat id-dejta tal-industrija tal-Unjoni biex jiġi stabbilit il-valur normali minħabba fin-nuqqas ta' kooperazzjoni minn kwalunkwe produttur li jinsab f'pajjiż analogu. Għal din l-investigazzjoni, produttur li jinsab fl-Istati Uniti tal-Amerika ("USA") qabel li jikkooopera u jipprovdri l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jiġi stabbilit il-valur normali fl-investigazzjoni attwali, kif spjegat fil-premessi 31 sa 35 hawn taħt.



## 2. Dumping ta' importazzjonijiet matul il-PIR

### 2.1. Il-valur normali

#### 2.1.1. Għażla ta' pajjiż analogu

- (31) Fin-notifika ta' bidu, il-Brażil ġie propost bħala pajjiż analogu xieraq għall-iskop ta' stabbiliment ta' valur normali fir-RPĊ. Il-Kummissjoni stiednet il-partijiet interessati kollha biex jikkumentaw dwar din il-proposta iżda ma waslu l-ebda kummenti. Għalhekk, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lil produtturi Brażiljani magħrufa. Madankollu, ebda kooperazzjoni ma waslet mill-produtturi fil-Brażil.
- (32) F'dan ir-rigward, il-kooperazzjoni ta' produtturi allokatu f'pajjiżi ta' ekonomija tas-suq bħall-Arġentina, il-Kanada, iċ-Ċili, l-Indja, l-Indoneżja, l-Iżrael, il-Malasja, in-New Zealand, it-Tajwan u t-Tajlandja ġiet mistħarrġa. Madankollu, ebda kooperazzjoni ma waslet mill-produtturi li jinsabu fil-pajjiżi msemmija.
- (33) Il-Kummissjoni investigat sorsi oħra disponibbli ta' informazzjoni sabiex issib pajjiż analogu potenzjali, jiġifieri Eurostat u bażi tad-dejta pubblika pprovduta mill-Kummissjoni Internazzjonali tal-Kummerċ tal-Istati Uniti. Instab li s-swieq tal-Unjoni u l-Istati Uniti huma swieq dinjin ewlenin għal xemgħat u li l-produzzjoni tal-Istati Uniti kienet esportata wkoll lejn is-suq tal-Unjoni.
- (34) Abbażi tal-websajt tal-US National Candle Association ("l-NCA") irriżulta li hemm madwar 400 produttur tax-xemgħat stabbilit fl-Istati Uniti, il-volum tal-produzzjoni totali huwa sinifikanti u li dan il-pajjiż qed jimporta ammonti kbar għall-konsum tiegħu stess. Għalhekk, l-Istati Uniti tqies li hu pajjiż analogu xieraq għall-fini ta' din l-investigazzjoni.
- (35) Il-Kummissjoni talbet l-appoġġ tal-NCA u produttur wieħed tal-Istati Uniti rreaġixxa u qabel li jikkoopera fl-investigazzjoni. L-informazzjoni pprovduta minn dan il-produttur tqieset bħala suffiċjenti u valida biex jiġi stabbilit il-valur normali fl-investigazzjoni attwali.

#### 2.1.2. Id-determinazzjoni tal-valur normali

- (36) Għalhekk, il-valur normali ġie stabbilit skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku. Kif imsemmi fil-premessa 30 hawn fuq, il-valur normali ġie stabbilit fuq il-bażi tad-dejta pprovduta u vverifikata fl-istabbilimenti tal-produttur tal-Istati Uniti li kkoopera.
- (37) L-investigazzjoni wriet li n-negozju tax-xemgħa fl-Istati Uniti huwa differenti minn dak fir-RPĊ. Pereżempju, il-produttur tal-Istati Uniti li kkoopera huwa kumpanija kbira b'netwerk tal-bejgħ kumpless li jbigħ firxa ta' tipi ta' prodotti, esklussivament b'xemgħat f'vażett b'riħa/fwieħa, bi prezzijiet relattivament għoljin fis-suq (l-hekk imsejjaħ "suq tal-fwieħa"). F'termini ta' volum, il-produttur Amerikan huwa komparabbli mal-akbar produtturi Ċiniżi, iżda t-taħlita tal-prodotti hija differenti. Kumpaniji Ċiniżi li prinċipalment jipproduċu u jbigħu firxa wiesgħa ta' tea-lights (xemgħat żgħar għat-tisħin tal-platti), xemgħat pilastru, iżda wkoll xemgħat artistiċi u mingħajr fwieħa. L-investigazzjoni wriet ukoll li filwaqt li l-produtturi Ċiniżi jbigħu l-aktar lil bejjiegħa bl-ingrossa, il-produttur tal-Istati Uniti prinċipalment ibigħ permezz tan-netwerk tiegħu ta' ħwienet li jbiegħu bl-imnut.
- (38) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, kien ikkunsidrat xieraq li jiġi ddeterminat il-valur normali kif spjegat hawn taħt.
- (39) It-tipi ta' prodott mibjugħa mill-produttur tal-pajjiż analogu fis-suq domestiku tiegħu kien imqabbel mat-tipi ta' prodott prodotti fir-RPĊ u mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni. Għal dawk il-mudelli li nstabu li kienu identiċi jew komparabbli direttament il-valur normali ġie mibni kif ġej. Ammont raġonevoli għall-ispejjeż tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi (SG&A) magħmula fuq il-bejgħ domestiku tal-prodott simili fl-istess livell ta' kummerċ u ammont raġonevoli ta' profitt, jiġifieri 6,5 % (din il-marġini kienet użata fl-investigazzjoni oriġinali meta kien qed jiġi stabbilit il-valur normali) ġew miżjuda mal-ispejjeż ta' produzzjoni tal-produttur li kkoopera fil-pajjiż analogu matul il-PIR.
- (40) Għal tipi oħra ta' prodotti, li mhumiex komparabbli, il-valur normali kien stabbilit bl-aġġustament tal-ispiża tal-produzzjoni billi jitneħħa l-kost ta' vażetti/ħġieġ u l-ispejjeż tal-fwejjaħ fl-Istati Uniti. Sussegwentement, ammont raġonevoli għal SG&A u l-profitt ġew miżjuda kif spjegat fil-premessa 39 hawn fuq.

## 2.2. *Id-determinazzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni*

- (41) Il-bejgħ tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi fil-kampjun lejn l-Unjoni sar direttament lil klijenti indipendenti stabbiliti fl-Unjoni. Il-prezz tal-bejgħ kien għaldaqstant stabbilit skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku, abbażi tal-prezz imħallas jew li jrid jitħallas skont kif irrappurtat fl-istatistiċi tal-importazzjoni tal-Eurostat.
- (42) Fl-aħħar nett, dan il-prezz tal-esportazzjoni medju fil-livell CIF kien aġġustat billi tnaqqsu b'mod partikolari l-ispejjeż tat-trasport biex wieħed jaasal għall-valur tal-fabbrika.

## 2.3. *Paragun u aġġustamenti*

- (43) Il-paragun bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni sar fuq bażi tal-prezz tal-fabbrika.
- (44) Għall-iskop li jiġi żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, tqiesu b'mod xieraq, f'għamla ta' aġġustamenti, id-differenzi fl-ispejjeż tat-trasport, l-ispejjeż tal-assigurazzjoni, l-ispejjeż terminali u amministrattivi, l-ispejjeż tal-kreditu, kummissjonijiet, fejn dawn kienu applikabbli u ġġustifikati, skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

## 2.4. *Marġini tad-dumping*

- (45) Fuq il-baży ta' dak li ssemma hawn fuq, instab li produttur esportatur wieħed inkluż fil-kampjun ma kienx qed iwettaq dumping tal-prodotti tiegħu fis-suq tal-Unjoni. Il-marġni ta' dumping medju ta' tliet produtturi esportaturi fil-kampjun li jifdal, espress bħala perċentwali tal-prezz ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, instab li kien ta' madwar 60 %.

## 3. **Żvilupp tal-importazzjonijiet f'każ li jiġu revokati l-miżuri**

### 3.1. *Kumment preliminari*

- (46) Matul is-seduta ta' smiġh ippreseduta mill-Uffiċjal tas-Seduta, parti waħda sostniet li l-produtturi esportaturi mhux soġġetti għal miżuri li nstabu li kienu qed iwettqu dumping waqt l-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri Ningbo Kwung's Home Interior & Gift Co. Ltd. u Qingdao King King Applied Chemistry Co., Ltd għandhom jiġu inklużi fl-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza kurrenti.
- (47) Il-Kummissjoni baġhtet n-Notifika ta' Bidu biex il-partijiet interessati kollha tal-produtturi esportaturi fl-investigazzjoni oriġinali inklużi u li nstab li kienu qed jagħmlu dumping matul investigazzjoni oriġinali, iżda li huma soġġetti għal rata ta' dazju zero minħabba li ma kinux qegħdin jikkawżaw ħsara lill-industrija tal-Unjoni. L-ebda wieħed minn dawn il-produtturi esportaturi ma sottomettew formola ta' kampjunar. Għalhekk, ma kinux inklużi fil-kampjun.
- (48) Barra minn hekk, il-partijiet interessati ġew infurmati mill-Kummissjoni dwar proposta għal kampjun ta' produtturi esportaturi Ċiniżi u għalhekk kellhom l-opportunità li jippreżentaw il-kummenti tagħhom. Madankollu, l-ebda wieħed minnhom ma ppreżenta ruħu, u r-rappreżentattività tal-kampjun tal-produtturi esportaturi Ċiniżi ma ġietx ikkontestata. Il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra li kien hemm kunsens dwar il-kampjun propost u li l-kampjun huwa rappreżentattiv tal-industrija tax-xemgħat fir-RPĊ.

### 3.2. *Kapaċità tal-produttività tar-RPĊ*

- (49) Informazzjoni preċiża dwar il-kapaċità tal-produttività fil-pajjiż kollu u l-konsum domestiku tax-xemgħat fir-RPĊ mhijiex disponibbli pubblikament. L-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi Ċiniżi investigati ma kien f'pożizzjoni li jipprovdu din l-informazzjoni. Fil-fatt, skont is-CEO ta' waħda mill-kumpaniji fil-kampjun, il-Viċi President ta' China Chemical Industry Candles Branch Association, l-Assoċjazzjoni ma tiġborx informazzjoni mingħand il-membri tagħha dwar produttività u konsum fir-RPĊ.
- (50) Ir-rikorrenti sostnew fit-talba għar-rieżami tal-iskadenza, għalkemm mingħajr ma pprovdew ebda prova f'dan ir-rigward, li hemm kapaċità ta' produttività mhux użata fir-RPĊ. Huma nnotaw li x-xemgħat għadhom suq niċċa fir-RPĊ u l-industrija tax-xemgħat Ċiniża hija prinċipalment orjentata lejn l-esportazzjoni. Ir-rikorrenti kkunsidraw li l-faċilitajiet ta' produttività wieqfa baqgħu fil-parti l-kbira mhux użati u li jistgħu jiġu riattivati faċilment billi l-prerekwiżit huwa prinċipalment limitat għal aċċess għal xogħol li ma jeħtieġx senġha u pitrolju. Fl-aħħar nett, huma appoġġaw dawn it-talbiet billi rreferew għall-konklużjonijiet ta' investigazzjoni <sup>(1)</sup> ta' analiżi sunset tal-Istati Uniti 2010 dwar il-miżuri tal-Istati Uniti dwar l-importazzjonijiet ta' xemgħat Ċiniżi.

(1) L-investigazzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali tal-Kummerċ tal-Istati Uniti, dwar "Petroleum Wax Candles from China", Nru. 731-TA- 282 (It-Tielet Reviżjoni).

- (51) F'dak li jirrigwarda r-rilevanza tal-allegata kapaċità tal-produzzjoni Ċiniża mhux utilizzata, iż-żjarat ta' verifika tal-kumpaniji fil-kampjun wrew li dawn qed joperaw b'kapaċità ta' produzzjoni wieqfa ineżistenti jew negliġibbli minkejja l-eżistenza ta' dazji. Dan jindika li l-produtturi esportaturi Ċiniżi pjuttost aġġustaw għat-tnaqis fid-domanda dinjija li jista' jiġi attribwit għall-kriżi finanzjarja. F'kull każ, l-imġiba tal-produtturi esportaturi Ċiniżi li mhumiex soġġetti għal miżuri, li l-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-UE naqsu matul il-perjodu kkunsidrat, jindika li bħalissa ma hemm l-ebda inċentiv li jattiva mill-ġdid il-faċilitajiet ta' produzzjoni li allegatament mhux qed jintużaw.
- (52) Fir-rigward tal-investigazzjoni tal-Istati Uniti kontra xemgħat Ċiniżi, għandu jiġi nnutat li l-konklużjoni ta' hawn fuq intlaħqet fl-2010 u għalhekk mhijiex neċessarjament applikabbli għas-sitwazzjoni attwali.
- (53) Għaldaqstant, filwaqt li ma jistax jiġi eskluż li l-produzzjoni b'teknoloġija baxxa tista' tiġi attivata mill-ġdid f'perjodu qasir ta' żmien, huwa diffiċli li wieħed jikkonkludi b'ċertezza x'inhi l-firxa tal-kapaċità ta' riżerva disponibbli fir-RPĊ.
- (54) Fil-kummenti tagħha dwar l-iżvelar, parti waħda saħqet li l-Kummissjoni ma kisbitx informazzjoni preċiża dwar il-kapaċità tal-produzzjoni disponibbli fir-RPĊ u tenniet l-allegazzjonijiet imsemmija fil-premessa 50 hawn fuq, jiġifieri li l-produtturi ta' xemgħat huma numerużi fir-RPĊ u li l-faċilitajiet ta' produzzjoni li jiddependu fuq il-manodopera b'teknoloġija baxxa għadhom jeżistu u jistgħu jerġgħu jibdew jaħdmu malajr. Il-parti sostniet li din is-suppożizzjoni hija konsistenti mas-sejbiet tal-Kummissjoni Internazzjonali tal-Kummerċ tal-Istati Uniti (US ITC) <sup>(1)</sup> fl-investigazzjoni tagħhom dwar xemgħat li joriġinaw mir-RPĊ.
- (55) Il-Kummissjoni ma tikkontestax li jista' jkun hemm kapaċità żejda fir-RPĊ u li l-produtturi Ċiniżi setgħu jżidu l-produzzjoni tagħhom. Mal-ewwel daqqa t'għajn, dan jidher li huwa possibbli fid-dawl tal-istruttura tal-industrija u l-fatt li xogħol b'ħiliet bażiċi jista' jiġi użat għall-produzzjoni ta' xemgħat. Madankollu, il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li minkejja l-kompetizzjoni minn produtturi Ċiniżi li mhumiex soġġetti għal miżuri, hija l-industrija tal-Unjoni li rnexxielha ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha fis-suq tal-Unjoni u tikkonsolida s-sehem sostanzjali tas-suq tagħha matul il-perjodu kkunsidrat. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfakkar li l-produtturi esportaturi verifikati li huma soġġetti għall-miżuri kienu għaddejjin fuq utilizzazzjoni ta' kapaċità għolja minkejja l-eżistenza ta' miżuri. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi enfasizzat li l-produtturi Ċiniżi vverifikati huma kampjun rappreżentattiv tal-industrija Ċiniża tax-xemgħat kollha. Fl-aħħar nett, erbgħa mill-ħames produtturi esportaturi Ċiniżi li mhumiex soġġetti għall-miżuri ma bbenefikawx mill-vantaġġ kompetittiv tagħhom fil-konfront ta' produtturi oħra Ċiniżi u ma żiedux l-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-UE, għalkemm dawn kienu allegatament f'pożizzjoni li faċilment jużaw faċilitajiet ta' produzzjoni b'teknoloġija baxxa li jeħtieġu biss xogħol bla sengħa.
- (56) Għandu jiġi nnutat ukoll li d-determinazzjoni mill-ITC 2010 tal-Istati Uniti li l-produtturi Ċiniżi għandhom il-kapaċità li jżidu l-kapaċità eżistenti u malajr hija prinċipalment ibbażata fuq suppożizzjoni magħmula minn National Candle Association li tmur kontra s-sejbiet ta' din l-investigazzjoni kif spjegat hawn fuq fil-premessi 49 sa 53. Għaldaqstant, jeħtieġ li din il-pretensjoni tiġi rifjutata.
- (57) Il-parti pprovdiet evidenza li allegatament tissostanzja l-eżistenza ta' kapaċità żejda. Il-parti saħqet ukoll li l-faċilitajiet tal-produzzjoni fit-Tajlandja u fil-Vjetnam x'aktarx se jirritornaw lejn ir-RPĊ meta d-dazji antidumping jiskadu.
- (58) L-evidenza li nġhatat mill-parti ma sostniet la l-eżistenza u lanqas id-daqs ta' kapaċità żejda fir-RPĊ. Barra minn hekk, l-istqarrija dwar ir-ritorn ta' faċilitajiet ta' produzzjoni ma kinitx sostanzjata bl-ebda mod.

### 3.3. L-attrattività tas-suq tal-Unjoni

- (59) Ir-RPĊ konsistentement kienet esportatur kbir ta' xemgħat lejn is-suq dinji. F'termini ta' volum, is-suq tal-Unjoni huwa bil-kbir l-ewwel suq tal-esportazzjoni ta' xemgħat Ċiniżi, li jirrappreżenta 30 % tal-esportazzjonijiet totali Ċiniżi matul il-PIR. Anke wara l-impożizzjoni tad-dazji, l-Unjoni tibqa' s-suq ewlieni ta' esportazzjonijiet għar-RPĊ.
- (60) Filwaqt li tiġi nnutata l-importanza tal-livell tal-prezzijiet f'decizzjonijiet ta' xiri tas-suq tax-xemgħat, b'mod partikolari għal prodotti standard bħalma huma tea lights u xemgħat pilastru, jeħtieġ li jiġi indikat li l-prezzijiet medji tal-esportazzjoni Ċiniża lejn swieq ta' pajjiżi terzi ewlenin tagħhom (pereżempju l-Awstralja, il-Kanada,

<sup>(1)</sup> L-investigazzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali tal-Kummerċ tal-Istati Uniti, dwar "Petroleum Wax Candles from China", Nru. 731-TA- 282 (it-Tielet revizzjoni), paġna 14.

il-Malasja, l-Istati Uniti, il-Ġappun u New Zealand) kienu ogħla mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni <sup>(1)</sup> matul il-PIR. Għalhekk, ma hemm l-ebda inċentiv ekonomiku għal produtturi esportaturi Ċiniżi li jidderieġu mill-ġdid l-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-Unjoni jekk il-miżuri jiġu revokati.

- (61) Barra minn hekk, meta wieħed iqis l-imġiba fis-suq tal-kumpaniji Ċiniżi li mhumiex soġġetti għal dazju, fejn il-prezz huwa ogħla minn dak tal-industrija tal-Unjoni, li jikkompetu direttament mal-industrija tal-Unjoni u li sehem mis-suq tagħhom naqas matul il-perjodu kkunsidrat, jidher li ma tantx huwa probabbli li l-produtturi Ċiniżi soġġetti għal dazji se jippruvaw iwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni biex jiksbu sehem mis-suq biss.
- (62) Fil-kummenti tagħha dwar l-iżvelar, parti waħda sostniet li l-prezzijiet ta' esportazzjoni Ċiniżi lejn pajjiżi terzi u b'mod partikolari fis-suq Malasjan ma jstgħux jiġu kkunsidrati bħala rilevanti, peress li parti sinifikanti ta' dan il-kummerċ huwa allegatament destinat għas-suq tal-Unjoni. Barra minn hekk, din il-parti sostniet li l-miżuri ġew evitati.
- (63) Is-suppożizzjoni dwar is-suq Malasjan mhijiex ibbażata fuq evidenza verifikata, u li għaldaqstant ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni. Barra minn hekk, l-istatistika dwar l-importazzjonijiet disponibbli turi li l-volum tal-importazzjonijiet mill-Malasja naqas u bħalissa huwa neglīgibbli. Madankollu, ta' min jinnota li, kif imsemmi fil-premessa 60 hawn fuq, il-prezz medju ta' esportazzjoni Ċiniż għal pajjiżi terzi inkluż il-Malasja huwa ogħla mill-prezz tal-Industrija tal-Unjoni. Għaldaqstant, anke jekk l-allegazzjoni ta' din il-parti kienet vera, dawn il-prezzijiet għoljin ma setgħux jikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. L-evidenza pprovduta dwar forom oħra ta' evazzjoni mhijiex konklużiva u ma taqbilx ma' statistika tal-importazzjonijiet disponibbli.
- (64) Fil-kummenti tagħha dwar l-iżvelar, parti waħda sostniet li l-paragun tal-prezzijiet ta' esportazzjoni Ċiniżi lejn swieq ta' pajjiżi terzi ewlenin tagħhom u l-prezz medju tal-produtturi esportaturi mhux soġġetti għal miżuri tal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni huwa irrilevanti peress li ma ħaditx inkunsiderazzjoni d-differenzi possibbli fit-taħlita tal-prodott.
- (65) Ta' min jinnota li l-parti ma ssostanzjatzx il-pretensjoni tagħha u ma pprovdiet l-ebda informazzjoni dwar kwistjonijiet possibbli ta' "taħlita tal-prodott" u karatteristiċi oħrajn li jstgħu jkunu rilevanti għal analiżi tal-prezzijiet. L-istatistiċi disponibbli juru esportazzjonijiet/importazzjonijiet ta' xemgħat taħt kodiċi NM wieħed u l-prezz medju peżat għal kull kilo jista' jinkiseb minn bażijiet ta' dejta tal-esportazzjonijiet/importazzjonijiet. Il-Kummissjoni tqis li l-prezz medju għal kull kilo jipprovi l-aħjar sors ta' informazzjoni dwar il-livell ta' prezzijiet ta' importazzjoni/esportazzjoni li jista' jinkiseb għall-produtturi esportaturi fir-RPĊ.
- (66) Il-parti stqarret ukoll li erbgħa minn ħames produtturi esportaturi mhux soġġetti għal miżuri ma jikkompetux mal-industrija tal-Unjoni peress li huma ffokati fuq prodotti ta' kwalità għolja jew supplementati tal-produzzjoni mill-kumpaniji prinċipali tagħhom fl-Unjoni. L-istess parti interessata sostniet ukoll li l-imġiba tal-produtturi esportaturi mhux soġġetti għal miżuri fut li xejn huwa rilevanti għall-investigazzjoni ta' rieżami peress li ma titfax dawl fuq l-imġiba tal-esportaturi soġġetti għal dazji li kienu involuti f'dumping li huwa ta' ħsara qabel ma l-miżuri oriġinali ġew imposti fuq prodotti standardizzati li allegatament huwa l-parti tas-suq li se jkun l-aktar affettwat jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Fl-aħjar nett, l-istess parti saħqet li qabel l-2011, il-volumi tal-importazzjoni ta' dawn il-kumpaniji ma tqisux.
- (67) Madankollu dawn l-indikazzjonijiet kkuntradixxew is-sejbiet tal-investigazzjoni. Fil-fatt, kif imsemmi fil-premessa 61 hawn fuq, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-analiżi tal-imġiba tal-produtturi esportaturi mhux soġġetti għal miżuri hija rilevanti b'mod partikolari għall-analiżi rigward l-attrattività tas-suq tal-Unjoni. Kif rikonoxxut mill-parti stess, xi produtturi huma involuti fil-produzzjoni ta' prodotti standard u oħrajn fi prodotti ta' kwalità għolja. F'termini ta' volum, għandu jiġi mfakkar li erbgħa minn ħames kumpaniji mhux soġġetti għal miżuri ġew magħżula mill-Kummissjoni fl-investigazzjoni oriġinali fuq il-bażi tal-akbar volum ta' esportazzjonijiet <sup>(2)</sup>. Dan juri li dawn il-produtturi kienu qed jespertaw volumi kbar ta' prodotti lejn is-suq tal-Unjoni. Peress li l-ebda miżuri ma ġew imposti fuqhom huma ma kellhom l-ebda inċentiv, għall-kuntrarju ta' produtturi li huma soġġetti għall-miżuri, li jibdlu t-taħlita tal-prodott tal-esportazzjonijiet tagħhom. Għalhekk, l-imġiba ta' dawn l-esportaturi tista' titqies bħala eżempju ta' mġiba futura probabbli ta' produtturi Ċiniżi li bħalissa huma soġġetti għal miżuri fir-rigward ukoll tas-segment tas-suq ikkaratterizzat minn produzzjoni standardizzata, jiġifieri pilastru u x-xemgħat tea-lights. Mindu bdiet l-impożizzjoni ta' miżuri definittivi, dawn il-produtturi esportaturi bbenefikaw minn vantaġġ kummerċjali sinifikanti meta mqabbla ma' prodotti soġġetti għal miżuri. Madankollu, instab li l-volum tal-importazzjonijiet li joriġinaw minn tnejn minn ħames produtturi naqas b'mod sinifikanti; għal żewġ pajjiżi oħra, il-volum baqa' stabbli u għal wieħed mill-ħames produtturi biss il-volum ta' importazzjonijiet

<sup>(1)</sup> Dejtabase COMTRADE, <http://comtrade.un.org/data/>

<sup>(2)</sup> Il-Premessa 38 tar-Regolament (KE) Nru 1130/2008 kif ikkonfermat fil-premessa 28 tar-Regolament (KE) Nru 393/2009.

irdoppja minn żmien il-PI tal-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri mill-2007. Għalhekk, jista' jiġi konkluż li l-imġiba tal-ħames produtturi esportaturi soġġetti għal dażju żero tagħti stampa inkonklussiva dwar l-attrattività tas-suq tal-Unjoni, billi erba' minnhom ma bbenefikawx mill-pożizzjoni favorevoli tagħhom biex iżidu l-volum ta' esportazzjonijiet lis-suq tal-Unjoni.

- (68) Barra minn hekk, din il-parti ma provdiex evidenza li turi li l-prodotti mibjugħa fis-segment tas-suq tal-massa ta' volum kbir ta' prodotti għandhom jitqiesu differenti meta mqabbla ma' parti oħra tas-suq. Kif imsemmi fil-premessa 26 u spjegat fid-dettall fil-premessi 24 sa 30 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1130/2008 <sup>(1)</sup> li jimponi miżuri antidumping provviżorji kif ukoll fil-premessi 22 sa 27 tar-Regolament (KE) Nru 393/2009, l-investigazzjoni wriet li l-prodott prodott u mibjugħ fis-suq domestiku Ċiniż u/jew esportat lejn l-Unjoni u l-prodott magħmul u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi bażiċi u l-istess użi bażiċi. Barra minn hekk, l-investigazzjoni attwali tkopri l-ambitu sħiħ tal-miżura eżistenti u ma tistax tiffoka biss fuq parti ta' dan is-suq u tinjora sottosetturi oħra.
- (69) Għalhekk dawn it-talbiet għandhom jiġu rrifjutati.

#### 3.4. Il-konklużjoni dwar il-probabbiltà ta' tkompliġa ta' dumping

- (70) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, jista' jiġi konkluż li jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, l-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn l-UE bħalissa taħt miżuri antidumping se jkomplu jiġu importati bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping. Madankollu, jidher li ma tantx huwa probabbli li dawn l-esportazzjonijiet jerġgħu jseħħu fi kwantitajiet konsiderevoli.

### D. IS-SITWAZZJONI TAS-SUQ TAL-UNJONI

#### 1. Kummenti preliminari

- (71) Għall-iskop tal-analiżi tad-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u mikroekonomiċi. L-indikaturi makroekonomiċi għall-perjodu kkunsidrat ġew stabbiliti, analizzati u eżaminati fuq il-bażi tad-dejta pprovduta mill-industrija tal-Unjoni. L-indikaturi mikroekonomiċi ġew stabbiliti fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura u vverifikata fil-livell tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.
- (72) Fit-taqsimiet li ġejjin, l-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, stokks, il-volum tal-bejgħ, sehem is-suq u t-*tkabbir*, l-impjegi, il-produttività, id-daqs reali tal-marġini ta' dumping u l-irkupru minn dumping preċedenti. L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet unitarji medji, il-kost tal-produzzjoni, il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investment, il-possibbiltà li jiżded il-kapital u l-kostijiet tal-manodopera.

#### 2. L-industrija tal-Unjoni

- (73) Abbażi tad-dejta mogħtija fit-talba għal rieżami, ġie stabbilit li l-prodott simili huwa mmanifatturat minn għadd kbir ta' produtturi fl-Unjoni, li jinkludu bosta produtturi żgħar u ta' daqs medju. 26 produttur tal-Unjoni ipprovdew dejta ġenerali dwar il-volum tagħhom ta' produzzjoni u ta' bejgħ. Minħabba li ħafna produtturi fl-Unjoni, l-aktar l-intrapriżi ż-żgħar, ma kkooperawx fl-investigazzjoni, ma kienx possibbli li jkun iddefinit b'mod preċiż il-volum totali tal-produzzjoni tal-Unjoni u l-għadd ta' produtturi abbażi tad-dejta individwali tal-kumpaniji.
- (74) Konsegwentement, il-volum tal-produzzjoni tal-Unjoni ġie stmat billi ntużat l-informazzjoni pprovduta fit-talba għar-rieżami tal-iskadenza. Fuq dik il-bażi, il-produzzjoni totali tal-Unjoni kienet stmata li kienet madwar 400 000 tunnellata u n-numru totali ta' produtturi tal-Unjoni stmat għal madwar 170 matul il-PIR. Huma jikkostitwixxu l-industrija tal-Unjoni fit-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku u minn hawn 'il quddiem se jissejħu "l-industrija tal-Unjoni".
- (75) Kif indikat fil-premessa 17 hawn fuq, seba' produtturi/gruppi ta' produtturi tal-Unjoni kienu fil-kampjun u pprovdew l-informazzjoni mitluba. Il-kumpaniji fil-kampjun huma stmati li jirrappreżentaw madwar 37 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-PIR.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1130/2008 tal-14 ta' Novembru 2008 li jimponi dażju provviżorju antidumping fuq l-importazzjoni ta' ċerti xemgħat, kandiletti u oġġetti simili li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 306, 15.11.2008, p. 22).

### 3. Konsum tal-Unjoni

- (76) Il-konsum tal-Unjoni għe stabbilit fuq il-bażi taċ-ċifri tal-bejgħ ivverifikati tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun fis-suq tal-Unjoni, id-dejta pprovduta mir-rikorrenti fit-talba għal rieżami, id-dejta tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi u mir-RPĊ estratta minn Comext.
- (77) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-konsum tal-Unjoni baqa' fundamentalment stabbli. Madankollu ta' min jinnota li l-konsum fil-PIR huwa ferm inqas mil-livelli reġistrati matul il-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni oriġinali meta l-konsum kien ta' madwar 577 000 tunnellata.
- (78) Fil-kumment tagħha għall-iżvelar, parti waħda sostniet li l-konsum tal-Unjoni kien stmat iżżejjed matul l-investigazzjoni oriġinali. Madankollu, dik il-parti pparteċipat fl-investigazzjoni oriġinali u ma għamlet l-ebda pretensjoni bħal din f'dak iż-żmien. Din id-dikjarazzjoni għalhekk trid tiġi rrifjutata.

Tabella 1

#### Konsum

	2011	2012	2013	PIR
Konsum (tunnellati)	439 478	403 608	429 046	443 906
Indiċi (2011 = 100)	100	92	98	101

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju, talba għal rieżami ta' skadenza, Comext

### 4. Volum, prezzijiet u sehem mis-suq ta' importazzjonijiet fl-Unjoni ta' oġġett ta' dumping mir-RPĊ

#### 4.1. Volum u sehem fis-suq

- (79) Il-volumi u s-sehem tas-suq tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mir-RPĊ kienu analizzati abbażi ta' dejta statistika tal-importazzjonijiet disponibbli fil-bażi tad-dejta tal-Artikolu 14(6) u dejta miġbura minn fuq TARIC (Tariffa Integrata tal-Unjoni Ewropea) fil-livell ta' kodiċi. Qed jiġi mfakkar li ħames produtturi esportaturi Ċiniżi kienu soġġetti għal dazju żero. Is-sitwazzjoni tagħhom hija eżaminata separatament bħala importazzjonijiet soġġetti għal dazju żero ta' hawn taħt.
- (80) Matul il-perjodu kkunsidrat l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping lejn l-Unjoni żviluppaw f'termini ta' volumi u ishma mis-suq kif muri fit-tabella hawn taħt.

Tabella 2

#### Il-volum u l-ishma tas-suq ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping konċernati

	2011	2012	2013	PIR
<b>RPĊ</b>				
Volum ta' importazzjonijiet (tunnellati metriċi)	30 814	22 923	20 766	20 365
Indiċi (2011 = 100)	100	74	67	66
Sehem mis-suq fis-suq tal-Unjoni (%)	7,0	5,7	4,8	4,6
Indiċi (2011 = 100)	100	81	69	65
Is-sehem tal-importazzjonijiet Ċiniżi (%)	44	38	37	35
Indiċi (2011 = 100)	100	86	83	80

	2011	2012	2013	PIR
Is-sehem tal-importazzjonijiet kollha (%)	30	24	22	21
Indiċi (2011 = 100)	100	81	73	71

Sors: Bażi ta' dejta 14(6), u d-dejta tal-COMEXT

- (81) Matul il-perjodu kkunsidrat il-prezz medju tal-importazzjonijiet mir-RPĊ żdied b'34 %. Huma rrappreżentaw 35 % tal-importazzjonijiet totali miċ-Ċina u 21 % tal-importazzjonijiet totali fis-suq tal-Unjoni matul il-PIR. Madankollu, is-sehem tagħhom tas-suq tal-Unjoni baqa' baxx madwar 4,6 %.

#### 4.2. Prezz

- (82) Il-prezz medju ta' importazzjonijiet Ċiniżi li kienu l-oġġett ta' dumping żdied b'24 % kif muri fit-tabella ta' hawn taħt:

Tabella 3

#### Prezzijiet ta' importazzjonijiet dumped

	2011	2012	2013	PIR
<b>RPĊ</b>				
Prezz medju (EUR/tunnellata)	2 708	3 301	3 272	3 352
Indiċi (2009 = 100)	100	122	121	124

Sors: Bażi ta' Dejta 14(6)

- (83) Iż-żieda fil-prezzijiet tista' tiġi spjegata mill-fatt li kien hemm bidla fit-taħlita tal-prodott tal-prodotti Ċiniżi esportati lejn is-suq tal-Unjoni. L-esportaturi Ċiniżi soġġetti għal miżuri esportaw prodotti ta' valur ogħla jew prodotti b'livell ogħla ta' karatteristika dekorattiva u kontenut aktar baxx ta' fjuwil, jiġifieri xemgħat ta' speċjalità. Dan ippermetta lill-produtturi Ċiniżi biex inaqqsu l-impatt tal-miżuri fis-seħħ u jippenetraw f'parti mis-suq fejn l-industrija tal-Unjoni hija inqas preżenti.
- (84) L-esportaturi li kienu soġġett għall-ogħla dazju kienu bażikament assenti mis-suq tal-Unjoni fil-PIR.

#### 4.3. It-twaqqigħ tal-prezz

- (85) Għall-finijiet tal-analiżi ta' twaqqigħ tal-prezz, il-medja differenzjata tal-prezzijiet ta' bejgħ għal kull tip ta' prodott tal-industrija tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati fuq livell ta' prezzijiet tal-fabbrika, kienu mqabbla mal-medja differenzjata tal-prezzijiet korrispondenti tal-importazzjonijiet ikkonċentrati lill-ewwel klijent indipendenti, stabbiliti fuq bażi ta' CIF b'aġġustament xieraq għal spejjeż ta' wara l-importazzjoni. It-tqabbil wera li matul il-PIR, l-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami ma waqqgħux il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. Madankollu għandu jiġi nnutat li l-importazzjonijiet magħmula minn esportaturi soġġetti għal dazji antidumping huma prinċipalment xemgħat ta' speċjalità, iżda wkoll xemgħat standard biż-żieda ta' xogħol tal-idejn u dekorazzjonijiet, ġeneralment iktar għaljin mit-tipi ta' prodotti ewlenin prodotti mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, jiġifieri pilastru u xemgħat tea-lights.
- (86) Fil-kummenti tagħha dwar l-iżvelar, parti waħda sostniet li l-Kummissjoni għandha tagħmel distinzjoni bejn id-diversi tipi ta' prodotti li huma prodotti u mibjugħa fis-suq tal-Unjoni. Wara l-impożizzjoni tal-miżuri definittivi, il-produtturi Ċiniżi soġġetti għal dazji immodifikaw l-aġir tagħhom fis-suq u bdew jiffokaw fuq livelli għoljin tat-tipi tal-prodotti aktar għalja, bħal xemgħat imżejna u artistiċi, xemgħat bil-fwieħa u xemgħat fi hġiegħ billi l-prodotti ewlenin magħmula u mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni jibqgħu xemgħat tea-light jew pilastru.

- (87) Barra minn dan, il-parti sostniet li għal tip ta' prodott speċifiku, jiġifieri xemgħat tea lights, fil-biċċa l-kbira bojod, mingħajr fwieħa, meqjusa bħala komparabbli għall-prodotti tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni sabet li l-produtturi esportaturi Ċiniżi kienu qed iwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni bi 6 %. Madankollu, kif imsemmi fil-premessa 85 hawn fuq, it-twaqqiġ tal-prezz għie stabbilit billi tqabblu l-prezzijiet għat-tipi kollha tal-prodotti rrapportati mill-produtturi esportaturi Ċiniżi, jiġifieri 26 tip ta' prodotti mat-tipi tal-prodotti irrappurtati mill-industrija tal-Unjoni. Tabilħaqq, l-investigazzjoni preżenti ma tistax tillimita lilha nnifisha għal tip ta' prodott wieħed partikolari. Għall-kuntrarju, jeħtieġ li jiġi analizzat il-prodott li qed jiġi rivedut kollu kemm hu. Għalhekk, huma biss ir-riżultati ta' din l-analiżi tat-twaqqiġ tal-prezzijiet għall-prodott ikkonċernat bħala ħaġa sħiħa huma rilevanti għall-finijiet ta' din l-investigazzjoni.
- (88) L-investigazzjoni oriġinali diġà ġibdet l-attenzjoni li hemm varjetà kbira ta' tipi ta' prodotti disponibbli fis-suq tal-Unjoni <sup>(1)</sup> u li għalkemm il-produtturi tal-Unjoni setgħu jipproduċu t-tipi kollha ta' xemgħat kienu aktar iffukati fuq il-produzzjoni ta' tipi ta' xemgħat standard bħala tea lights u pilastri. Madankollu, l-istituzzjonijiet ikkonkludew fl-investigazzjoni oriġinali <sup>(2)</sup> li xemgħat prodotti fir-RPĊ u esportati lejn l-Unjoni u x-xemgħat magħmula u mibjugħa fir-RPĊ u daww prodotti u mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni kellhom jiġu kkunsidrati bħala prodotti simili fis-sens tar-Regolament bażiku.
- (89) Kif kien il-każ fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni tikkonferma li analiżi tat-twaqqiġ tal-prezz jqs il-fatt li jeżistu diversi tipi ta' xemgħat fis-suq. It-tqabbil tal-prezzijiet hija għalhekk magħmula fuq il-bażi ta' tipi ta' prodotti identiċi jew simili kif kien il-każ fl-investigazzjoni oriġinali <sup>(3)</sup>. Għal dan l-għan, in-numri ta' kontroll tal-prodott (PCN) huma maħluqa għal diversi tipi ta' xemgħat eżistenti fis-suq u l-paragun tal-prezz isir abbażi tal-istess PCN.
- (90) L-investigazzjoni wriet li l-ebda twaqqiġ tal-prezz ma nstab li kien jeżisti għal produtturi esportaturi Ċiniżi fil-kampjun, meta wieħed iħares lejn l-ambitu sħiħ tal-prodott taħt rieżami.
- (91) Għandu jiġi enfasizzat li t-twaqqiġ tal-prezz għandu jiġi kkalkulat u vvalutat għal firxa sħiħa ta' prodott simili, għalhekk l-allegazzjoni li t-twaqqiġ tal-prezz li nstab fuq PCN wieħed għandu jkun meqjus bħala konklussiv għar-riżultati globali tal-kalkoli tat-twaqqiġ tal-prezz, għandu jiġi miċħud.

#### 5. Volum, prezzijiet u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet soġġetti għal rata ta' dazju zero mir-RPĊ

- (92) Matul il-perjodu meqjus, il-volum ta' importazzjonijiet soġġetti għal dazju zero fl-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 4

#### Volum u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet soġġetti għal rata ta' dazju zero kkonċernati

	2011	2012	2013	PIR
<b>RPĊ</b>				
Volum ta' importazzjonijiet (tunnellati metriċi)	38 744	37 584	35 877	37 197
<i>Indiċi (2011 = 100)</i>	100	97	93	96
Sehem mis-suq (%)	8,8	9,3	8,4	8,4
<i>Indiċi (2011 = 100)</i>	100	106	95	95
Is-sehem tal-importazzjonijiet Ċiniżi (%)	56	62	63	65

<sup>(1)</sup> Il-Premessa 18 tar-Regolament (KE) Nru 1130/2008, ikkonfermata mill-premessa 21 tar-Regolament (KE) Nru 393/2009.

<sup>(2)</sup> Il-premessa 27 tar-Regolament (KE) Nru 393/2009.

<sup>(3)</sup> Il-Premessa 106 tar-Regolament (KE) Nru 1130/2008, ikkonfermata mill-premessa 88 tar-Regolament (KE) Nru 393/2009.



	2011	2012	2013	PIR
<i>Indiċi (2011 = 100)</i>	100	112	114	116
Is-sehem tal-importazzjonijiet kollha (%)	37	39	38	39
<i>Indiċi (2011 = 100)</i>	100	106	101	103

Sors: Bażi ta' dejta 14(6), u d-dejta tal-Comext

- (93) Il-volum ta' importazzjonijiet soġġetti għal dazju żero mir-RPĊ naqas b'4 % matul il-perjodu kkunsidrat. Huma jirrappreżentaw il-biċċa l-kbira tal-importazzjonijiet Ċiniżi, li jammontaw għal żewġ terzi tal-importazzjonijiet matul il-PIR. L-informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni matul din l-investigazzjoni, wriet li l-bejgħ ta' dawn il-produtturi esportaturi kopra l-prodott simili fit-totalità tiegħu u għalhekk ukoll f'kompetizzjoni ma' tipi ewlenin tal-industrija tal-UE (jiġifieri xemgħat tea-lights jew pilastru). Din il-konklużjoni hija kkorroborata mis-sejbiet imsemmija fil-premessa 67 ta' dan ir-Regolament.
- (94) Matul il-perjodu kkunsidrat il-prezzijiet tal-importazzjonijiet soġġetti għal dazju żero mir-RPĊ tal-prodott investigat żiedu b'13 % u kienu ogħla mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni.

Tabella 5

**Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet soġġetti għal dazju żero**

	2011	2012	2013	PIR
<b>RPĊ</b>				
Prezz medju (EUR/tunnellata)	2 171	2 536	2 462	2 452
<i>Indiċi (2009 = 100)</i>	100	116,8	113,4	113,0

Sors: Bażi ta' Dejta 14(6)

**6. Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn**

- (95) It-tabella ta' hawn taħt turi l-iżvilupp tal-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra matul il-perjodu kkunsidrat.

Tabella 6

**Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn**

	2011	2012	2013	PIR
Volum ta' importazzjonijiet (tunnellati metriċi)	34 084	34 647	38 388	38 924
<i>Indiċi (2011 = 100)</i>	100	102	113	114
Il-prezz EUR/tunnellata metrika	3 131	3 445	3 470	3 412
<i>Indiċi (2011 = 100)</i>	100	110,0	110,8	109,0

	2011	2012	2013	PIR
Sehem mis-suq (%)	7,8	8,6	8,9	8,8
<i>Indiċi (2011 = 100)</i>	100	111	115	113

Sors: Comext

- (96) L-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra żdiedu bejn l-2011 u l-PIR bi 13 %, u b'hekk iżidu s-sehem tas-suq tagħhom fuq il-konsum totali b'punt perċentwali ta' 1, jiġifieri minn 7,8 % għal 8,8 %. Il-prezzijiet żdiedu b'9 % matul l-istess perjodu.

### 7. Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni

- (97) Skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat il-fatturi ekonomiċi rilevanti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-istat tal-industrija tal-Unjoni.
- (98) Kif imsemmi fil-premessi 71 u 72, għall-fini tal-analiżi tad-dannu, is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni hija vvalutata abbażi ta' tali indikaturi bħall-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-utilizzazzjoni tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq u t-*tkabbir*, l-impjegi, il-produttività, il-kobor tal-marġini effettivi tad-dumping u l-irkupru mid-dumping preċedenti, il-prezzijiet medji tal-bejgħ, prezz tal-unità, il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-ħila li jiżdied il-kapital, l-istokks u l-kostijiet tal-manodopera.

#### 7.1. Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

- (99) It-tabella ta' hawn taħt turi li l-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żviluppat b'konformità mal-konsum matul il-perjodu kkunsidrat.

Tabella 7

### Produzzjoni totali tal-industrija tal-Unjoni

	2011	2012	2013	PIR
Produzzjoni (tunnellati mettriċi)	397 824	345 484	385 992	413 079
<i>Indiċi (2011 = 100)</i>	100	87	97	104

Sors: tweġibiet għall-kwestjonarju u talba għal rieżami

- (100) Il-kapaċità tal-produzzjoni żdiedet b'mod stabbli matul il-perjodu meqjus u l-użu tal-kapaċità baqa' fil-biċċa l-kbira stabbli matul l-istess perjodu.

Tabella 8

### Il-produzzjoni, il-kapaċità u l-użu tal-kapaċità

	2011	2012	2013	PIR
Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati mettriċi)	677 422	696 014	721 898	726 768
<i>Indiċi (2011 = 100)</i>	100	103	107	107

	2011	2012	2013	PIR
Utilizzazzjoni tal-kapaċità (%)	59	50	53	57
Indiċi (2011 = 100)	100	85	91	97

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju u talba għal rieżami

### 7.2. Volum ta' bejgħ, sehem mis-suq u tkabbir

- (101) Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni żdied bi 3 % bejn l-2011 u l-PIR, li huwa rifless f'żieda tas-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni.

Tabella 9

#### Il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati

	2011	2012	2013	PIR
Volum (tunnellati)	335 788	308 404	333 961	347 421
Indiċi (2011 = 100)	100	92	99	103

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju u talba għal rieżami

- (102) Iż-żieda fil-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni huwa rifless f'żieda fis-sehem tas-suq tal-industrija tal-Unjoni li jindika li l-industrija kabbret ftit il-preżenza tagħha fis-suq.

Tabella 10

#### Sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni u tkabbir

	2011	2012	2013	PIR
Sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni (%)	76	76	78	78
Indiċi (2011 = 100)	100	100	102	102

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju u talba għal rieżami

### 7.3. L-impjegi

- (103) L-investigazzjoni wriet li l-impjegi segwew xejra pożittiva wara żieda fil-produzzjoni. Dan wassal għall-impjeg ta' forza tax-xogħol addizzjonali. Billi ż-żieda relattiva fl-impjegi kienet ogħla minn dik tal-produzzjoni, tnaqqis temporanju ta' produttività kkalkulat bħala l-produzzjoni ftunnellati għal kull persuna impjegata, għal kull sena sehew.

Tabella 11

#### L-impjegi u l-produttività

	2011	2012	2013	PIR
Għadd ta' impjegati	5 727	5 697	6 008	6 275
Indiċi (2011 = 100)	100	99	105	110

	2011	2012	2013	PIR
Produttività (unità/impjegat)	69	61	64	66
Indiċi (2011 = 100)	100	87	92	95

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju u talba għal rieżami

#### 7.4. Id-daqs tal-marġni ta' dumping effettiv u l-irkupru mid-dumping preċedenti

- (104) Kif indikat fil-premessa 45 ta' hawn fuq, il-marġni ta' dumping medju stabbilit għar-RPĊ baqa' għoli matul il-PIR. Madankollu, analiżi tal-indikaturi tad-dannu provdjet evidenza li l-industrija rkuprat minn prattiki preċedenti ta' dumping.

#### 7.5. Prezzijiet medji tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni u kostijiet unitarji tal-produzzjoni

- (105) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żdied b'7 % mill-2011 sa tmiem il-PIR. Il-medja tal-kostijiet tal-produzzjoni żdiedet ukoll, iżda biss b'4 %, prinċipalment minħabba ż-żieda fl-ispejjeż tal-materja prima u l-ispejjeż tax-xogħol.

Tabella 12

#### Prezzijiet tal-bejgħ u l-kostijiet

	2011	2012	2013	PIR
Prezz medju tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (EUR/tunnellata)	2 194	2 384	2 390	2 341
Indiċi (2011 = 100)	100	109	109	107
Kost għal kull unità tal-produzzjoni (EUR/tunnellata metrika)	2 118	2 340	2 254	2 198
Indiċi (2011 = 100)	100	110	106	104

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

#### 7.6. Il-profitabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-abbiltà li jżied il-kapital

- (106) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-ħila li jżidu l-kapital tal-produtturi tal-Unjoni żviluppaw kif ġej:

Tabella 13

#### Il-profitabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investment

	2011	2012	2013	PIR
Profitabbiltà (%)	3,4	1,8	5,7	6,1
Indiċi (2011 = 100)	100	53	165	177
Fluss tal-flus	7 563 810	22 279 510	20 303 703	20 432 048
Indiċi (2011 = 100)	100	295	268	270
L-investimenti	19 981 640	15 994 425	13 007 612	19 924 243

	2011	2012	2013	PIR
<i>Indiċi (2011 = 100)</i>	100	80	65	100
Redditu fuq l-investimenti (%)	1,8	- 0,5	4,8	5,4
<i>Indiċi (2011 = 100)</i>	100	- 26,9	271,2	304,2

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

- (107) Il-profittabilità tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kienet stabbilita billi ġie espress il-profitt qabel it-taxxa mill-bejgħ fuq bażi ex works tal-prodott investigat lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ. Il-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kienu profittabbli matul il-perjodu meqjus. Il-livelli ta' profittabilità qatt ma laħqu l-profitt immirat ta' 6,5 %, li l-industrija setgħet tistenna li tikseb f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni, fin-nuqqas ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping. Dan il-profitt fil-mira kien stabbilit ukoll fl-investigazzjoni oriġinali.
- (108) L-industrija tal-Unjoni rnexxielha tibqa' finanzjarjament soda kif muri mill-iżvilupp ta' fluss ta' flus kontanti matul il-perjodu meqjus, li jippermettilha parzjalment autofinanzjament ta' investimenti ġodda. Il-livell tal-investimenti żdied b'aktar mid-doppju meta mqabbel mal-livelli tal-industrija tal-Unjoni matul il-PI tal-investigazzjoni oriġinali (jiġifieri fl-2007). Dan jindika li l-industrija għandha l-kapaċità li tiġbor il-kapital meħtieġ.
- (109) Ir-redditu fuq l-investment ukoll irkupra u jirrifletti fil-biċċa l-kbira l-iżviluppi fil-profittabilità matul il-perjodu meqjus.

#### 7.7. L-istokkijiet

- (110) Inventarji baqgħu fil-biċċa l-kbira stabbli matul il-perjodu meqjus li jirrappreżenta bejn 16 % u 17 % tal-produzzjoni tal-kumpaniji fil-kampjun. Dan l-istokk għoli b'mod relattiv, għalkemm f'livell aktar baxx milli fl-investigazzjoni oriġinali, jista' jiġi spjegat permezz tal-istaġjonalità tal-prodott taħt rieżami u huwa marbut ukoll mal-istrateġija tal-bejjiegħa bl-immut biex jiksbu l-ħtiġijiet tagħhom skont kif meħtieġ.

Tabella 14

#### Stokk tal-ghelug

	2011	2012	2013	PIR
Stokk tal-ghelug (tunnellati metriċi)	25 392	22 404	23 333	24 493
<i>Indiċi (2011 = 100)</i>	100	88	92	96

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

#### 7.8. Il-kostijiet tal-manodopera

- (111) Il-medja tal-ispiża tax-xogħol tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żdiedet b'6 % matul il-perjodu meqjus.

Tabella 15

#### Il-kostijiet tal-manodopera

	2011	2012	2013	PIR
Spejjeż medji tal-manodopera għal kull impjegat (EUR)	20 769	20 939	21 351	21 966
<i>Indiċi (2011 = 100)</i>	100	101	103	106

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

## 8. Konklużjoni dwar is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni

- (112) Is-sejbiet tal-investigazzjoni attwali jwasslu għall-konklużjoni li l-qagħda ekonomika tal-industrija tal-Unjoni wriet sinjali ta' rkupru matul il-perjodu kkunsidrat. Għadd ta' indikaturi bħall-volum tal-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, il-volum tal-bejgħ, il-prezzijiet tal-bejgħ, is-sehem mis-suq u l-impjieg żviluppaw b'mod pożittiv. Barra minn hekk, l-indikaturi tal-prestazzjoni bħall-profitabbiltà u l-likwidità irkupraw ukoll. Dan iwassal għall-konklużjoni li l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbitx ħsara materjali matul il-perjodu kkunsidrat u b'mod partikolari matul il-PIR.

## E. IL-PROBABBILTÀ LI D-DANNU JERĠA' JSEĦĦ

### 1. Kumment preliminari

- (113) Kif muri hawn fuq fil-premessa 112, l-industrija tal-Unjoni ma sofrietx ħsara materjali matul il-PIR. Għalhekk, skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, għalhekk ġie eżaminat jekk l-iskadenza tal-miżuri fis-seħħ hux probabbli li tirriżulta f'rikorrenza ta' ħsara. F'dan ir-rigward, l-impatt potenzjali tal-importazzjonijiet Ċiniżi fuq is-suq tal-Unjoni u l-industrija tal-Unjoni kien analizzat.
- (114) L-analiżi ffokat fuq ix-xejra tal-konsum tas-suq tal-Unjoni, il-kapaċità żejda, il-flussi tal-kummerċ u l-attrattività tas-suq tal-Unjoni, l-imġiba tal-prezzijiet tal-produtturi Ċiniżi kollha kemm fl-UE kif ukoll fi swieq terzi.

### 2. Il-konsum fl-Unjoni

- (115) L-investigazzjoni wriet li l-konsum tal-Unjoni baqa' fundamentalment stabbli u li l-prodott ikkonċernat jiġi importat lejn is-suq tal-Unjoni f'firxa wiesgħa ta' tipi ta' prodotti. Matul il-perjodu kkunsidrat il-prezz medju tal-importazzjoni ta' oġġetti ta' dumping naqas b'34 %. Fl-istess ħin, l-importazzjonijiet minn kumpaniji Ċiniżi li mhumiex soġġetti għal miżuri naqas, jiġifieri b'4 %.

### 3. Il-kapaċità żejda, il-flussi tal-kummerċ u l-ġibda tas-suq tal-Unjoni, u l-imġiba tal-prezzijiet tal-esportaturi Ċiniżi

- (116) Kif imsemmi hawn fuq fil-premessi 49 sa 58 hawn fuq, ma hemm l-ebda evidenza li hemm xi produzzjoni sostanzjali li ma tintużax jew kapaċità żejda fir-RPĊ. B'żieda ma' dan, is-suq tal-Unjoni ma jidherx li hu partikolarment attraenti għall-esportaturi Ċiniżi, minkejja d-daqs tiegħu. Għalkemm is-sehem fl-importazzjonijiet Ċiniżi lejn l-Unjoni huwa l-akbar wieħed, il-prezzijiet tal-esportazzjoni Ċiniżi lejn l-Unjoni huma ogħla mill-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. Dan japplika wkoll b'mod speċifiku għall-prezzijiet eżerċitati mill-produtturi esportaturi Ċiniżi li mhumiex soġġetti għal miżuri, li jikkompetu aktar b'mod dirett mal-produzzjoni tal-Unjoni u fejn il-kompetizzjoni ssir kważi esklussivament fuq il-prezz. Dawn l-esportaturi Ċiniżi komplew ibiġhu kwantitajiet simili jew anke aktar baxxi lejn is-suq tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat u ma pruvawx jiksbu sehem mis-suq. B'żieda ma' dan, kif imsemmi fil-premessa 61 hawn fuq, il-prezz medju ta' esportazzjoni Ċiniż għal pajjiżi terzi huwa ogħla mill-prezz tal-Industrija tal-Unjoni. Għalhekk, il-produtturi esportaturi Ċiniżi ma jidhru li għandhom it-tentazzjoni li jidderieġu mill-ġdid l-esportazzjonijiet tagħhom lejn pajjiżi terzi lejn l-Unjoni jekk il-miżuri jiġu revokati.
- (117) Fil-kummenti tagħha dwar l-iżvelar, parti waħda sostniet li s-suq tal-Unjoni huwa l-akbar suq miftuħ għal xemgħat fid-dinja u għalhekk mhuwiex plawżibbli li jsostnu li s-suq tal-Unjoni ma jkunx wieħed attraenti jekk il-miżuri jiġu revokati. Barra minn hekk, il-parti issostni li l-esportaturi Ċiniżi joffru diversi skemi ta' evażjoni u li, mindu nħareġ l-iżvelar, produtturi u kummerċjanti Ċiniżi tax-xemgħat bagħtu bosta offeriti lil kummerċjanti u produtturi Ewropej. Dan kollu ta' hawn jista' jipprova li s-suq tal-Unjoni jibqa' attraenti għall-esportaturi Ċiniżi.
- (118) Madankollu, l-analiżi tal-evoluzzjoni matul l-aħħar ħames snin ta' importazzjonijiet li joriġinaw mill-produtturi esportaturi mhux soġġetti għal miżuri wriet li l-volum tal-importazzjonijiet tagħhom ma għandhomx jiżiedu b'mod sinifikanti minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri. Barra minn hekk, erbgħa minn ħamsa minn dawn il-produtturi esportaturi esperjenzaw tnaqqis fil-bejgħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni meta mqabbla mal-PI tal-investigazzjoni oriġinali. Produttur esportatur wieħed biss żied l-esportazzjonijiet tiegħu lejn l-Unjoni matul dak il-perjodu. Għaldaqstant, il-biċċa l-kbira tal-produtturi esportaturi Ċiniżi li mhumiex soġġetti għal miżuri ma jibbenefikawx minn vantaġġ kummerċjali tagħhom meta mqabbla ma' produtturi esportaturi Ċiniżi soġġetti għal dazju li jżidu l-volum tal-bejgħ tagħhom. Minkejja evidenza aneddottali dwar l-eżistenza ta' offeriti magħmula minn negozjanti, l-evidenza disponibbli kif deskritt fil-premessi 59 sa 69 ta' dan id-dokument turi li s-suq tal-Unjoni ma jidherx li huwa partikolarment attraenti.

#### 4. Konklużjoni

- (119) Fid-dawl tas-sejbiet tal-investigazzjoni, jiġifieri xejriet ewlenin tal-konsum fis-suq tal-Unjoni, l-imġiba tas-suq tal-produtturi esportaturi Ċiniżi mhux soġġetti għal miżuri, il-livell tal-prezz ta' esportazzjonijiet Ċiniżi lejn pajjiżi terzi u l-attrattività moderata tas-suq Ewropew, il-Kummissjoni tikkonkludi li ma hemmx probabbiltà ta' rikorrenza ta' ħsara lill-industrija tal-Unjoni kieku l-miżuri eżistenti jiġu revokati.

#### F. L-INTERESS TAL-UNJONI

- (120) Peress li ġie konkluż li mhemmx probabbiltà ta' rikorrenza ta' ħsara, l-ebda konklużjoni tal-interess tal-Unjoni mhija neċessarja.

#### G. MIŻURI ANTIDUMPING

- (121) Il-partijiet kollha ġew infurmati dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kien maħsub li jiġi rakkomandat li l-miżuri eżistenti jiġu rrevokati. Ingħataw ukoll perjodu biex jissottomettu kummenti wara dik id-divulgazzjoni. Is-sottomissjonijiet u l-kummenti ngħataw il-kunsiderazzjoni dovuta fejn kien xieraq.
- (122) Minn dan isegwi li, kif stipulat fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti xemgħat, kandiletti u bħalhom li joriġinaw mir-RPĊ, imposti mir-Regolament (KE) Nru 393/2009, għandhom jitħassru u l-proċediment għandu jiġi terminat.
- (123) Il-Kumistat stabbilit permezz tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 ma tax opinjoni dwar it-tħassir tal-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

Dazji antidumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti xemgħat, kandiletti u bħalhom li bħalissa jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM ex 3406 00 00 (kodiċi TARIC 3406 00 00 90) li joriġinaw mir-Repubblika Tal-Poplu taċ-Ċina huma b'dan revokati u l-proċediment li jikkonċerna dawn l-importazzjonijiet huwa mitmum.

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Awwissu 2015.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Jean-Claude JUNCKER

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1362****tas-6 ta' Awwissu 2015****li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-użu tad-diossidu tas-siliċju (E 551) fl-estratti tal-klin (E 392)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistipula lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel approvati għall-użu fl-addittivi tal-ikel, fl-enżimi tal-ikel, fl-aromatizzanti tal-ikel u fin-nutrijenti, u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.
- (2) Dik il-lista tista' tiġi aġġornata skont il-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>, jew b'inizjattiva tal-Kummissjoni jew inkella wara applikazzjoni.
- (3) Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-użu tad-diossidu tas-siliċju (E 551) bħala antiagglomerant miżjud mal-addittiv tal-ikel antiossidant f'forma ta' trab — l-estratt tal-klin (E 392) tressqet fis-27 ta' Ottubru 2014 u ġiet disponibbli għall-Istati Membri skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008.
- (4) L-użu tad-diossidu tas-siliċju (E 551) bħala antiagglomerant jippermetti li l-estratt tal-klin f'forma ta' trab jibqa' fi fluss liberu għal perjodu itwal ta' żmien mingħajr ma jagħqad/jibbies matul iż-żmien tal-ħżin, li jkun iktar faċli biex iġġorru u li jiġi applikat b'mod iktar effiċjenti meta jiġi miżjud mal-ikel.
- (5) Il-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel stabbilixxa grupp livell ta' ADI (Doża Aċċettabbli ta' Kuljum) ta' "mhux speċifikat" għad-diossidu tas-siliċju (E 551) u għal ċerti silikati (jiġifieri, sodju, potassju, kalċju, u silikati tal-manjeżju) meta jintużaw bħala antiagglomeranti <sup>(3)</sup>. Dak jimplika li ma jirrappreżentax xi periklu għas-saħħa fil-livelli neċessarji biex jinkiseb l-effett teknoloġiku mixtieq. L-esponiment addizzjonali tal-konsumatur għad-diossidu tas-siliċju meta jintuża bħala antiagglomerant f'estratt tal-klin jibqa' limitat.
- (6) Skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-Kummissjoni trid tfittex li tikseb l-opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità") sabiex taġġorna l-lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel stipulata fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, għajr meta l-aġġornament inkwistjoni ma jkunx mistenni li jkollu effett fuq is-saħħa tal-bniedem.
- (7) Ladarba l-awtorizzazzjoni tal-użu tad-diossidu tas-siliċju (E 551) f'estratti tal-klin (E 392) tikkostitwixxi aġġornament ta' dik il-lista li x'aktarx ma jkollhiex effett fuq is-saħħa tal-bniedem, mhux neċessarju li titfittex li tinkiseb l-opinjoni tal-Awtorità.
- (8) Huwa għalhekk xieraq li jiġi awtorizzat l-użu tad-diossidu tas-siliċju (E 551) bħala antiagglomerant f'estratti tal-klin (E 392).
- (9) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

<sup>(1)</sup> ĠUL 354, 31.12.2008, p. 16.<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jstabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel (ĠUL 354, 31.12.2008, p. 1).<sup>(3)</sup> Ir-Rapport tal-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel, il-25 serje, 1990.



ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Japplika mill-mument tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament ikun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Awwissu 2015.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Fil-Parti 2 tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, l-entrata li ġejja tiddaħħal wara l-ewwel entrata għall-addittiv tal-ikel E 551, id-diossidu tas-siliċju:

"E 551	Diossidu tas-siliċju	30 000 mg/kg fil-preparazzjoni	Estratti tal-klin niexfa f'forma ta' trab (E 392)"
--------	----------------------	--------------------------------	--

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1363****tas-6 ta' Awwissu 2015**

**li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 dwar l-entrata għall-Istati Uniti fil-lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu importati ċerti prodotti tat-tjur lejn l-Unjoni jew isir tranżitu minnha fir-rigward tat-tifqigħat tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'dak il-pajjiż**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-frażi introdutturja tal-Artikolu 8, l-ewwel subparagrafu tal-punt 1 tal-Artikolu 8, il-punt 4 tal-Artikolu 8, u l-Artikolu 9(4)(c) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju, u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqis minn pajjiżi terzi <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 23(1), 24(2) u 25(2) tagħha,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 <sup>(3)</sup> jistabbilixxi r-reqwiziti dwar iċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjonijiet lejn l-Unjoni u t-tranżitu minnha, inkluż il-ħżin waqt it-tranżitu, ta' tjur u prodotti tat-tjur ("il-prodotti"). Dan jistipula li l-prodotti jistgħu jiġu impurtati biss fl-Unjoni u jgħaddu minnha bi tranżitu biss mill-pajjiżi terzi, mit-territorji, miż-żoni jew mill-kumpartimenti mniżżla fil-kolonna 1 u 3 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tiegħu.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 798/2008 jistabbilixxi wkoll il-kundizzjonijiet biex pajjiż terz, territorju, żona jew kumpartiment jitqies bħala ħieles mill-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja (HPAI).
- (3) L-Istati Uniti huma mniżżla fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 bħala pajjiż terz li għandu l-awtorizzazzjoni għal ċertu partijiet tat-territorju tiegħu, għall-importazzjoni fl-Unjoni u t-tranżitu minnha tal-prodotti skont il-preżenza tat-tifqigħat tal-HPAI. Dik ir-reġjonalizzazzjoni ġiet rikonoxxuta wara t-tifqigħat ta' HPAI fl-Istati ta' Indiana u Nebraska mir-Regolament (KE) Nru 798/2008, kif emendat bir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/243 <sup>(4)</sup>, (UE) 2015/342 <sup>(5)</sup>, (UE) 2015/526 <sup>(6)</sup>, (UE) 2015/796 <sup>(7)</sup>, (UE) 2015/1153 <sup>(8)</sup> and lastly by (EU) 2015/1220 <sup>(9)</sup>.
- (4) Ftehim bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti <sup>(10)</sup> fih provvedimenti biex jintlaħaq malajr ir-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' reġjonalizzazzjoni fil-każ ta' tifqigħat ta' marda fl-Unjoni jew fl-Istati Uniti ("il-Ftehim").
- (5) Wara t-tifqigħat tal-HPAI fl-Istati ta' Nebraska u ta' Indiana, l-ebda Stat ieħor tal-Istati Uniti ma ġie infettat bl-HPAI. L-Istati Uniti implimentaw politika ta' qerda biex jikkontrollaw l-HPAI u jillimitaw it-tixrid tagħha. L-awtoritajiet veterinarji tal-Istati Uniti komplew jisspendu l-ħruġ ta' ċertifikati veterinarji għall-kunsinni ta' prodotti tat-tjur maħsuba għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni mit-territorju kollu tal-Istati affettwati jew minn partijiet minnhom li jkunu tqiegħdu taħt restrizzjonijiet u li huma soġġetti għall-miżuri ta' reġjonalizzazzjoni tal-Unjoni.
- (6) L-Istati Uniti ppreżentaw ukoll informazzjoni aġġornata dwar il-qagħda epidemjoloġika fit-territorju tagħhom u dwar il-miżuri meħuda għall-prevenzjoni ta' aktar tixrid tal-HPAI li issa ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Abbażi ta' dik l-evalwazzjoni, kif ukoll tal-impenji stabbiliti fil-Ftehim u l-garanziji pprovduti mill-Istati Uniti, jixraq li tiġi modifikata l-projbizzjoni tal-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti prodotti biex jiġu koperti biss ċertu partijiet tal-Istati ta' Indiana, ta' Nebraska u ta' South Dakota, li l-awtoritajiet veterinarji tal-Istati Uniti poġġew taħt restrizzjonijiet minħabba t-tifqigħat preċedenti.
- (7) Barra minn hekk, l-Istati Uniti rrapportaw it-tlestija ta' miżuri ta' tindif u ta' diżinfettar wara l-qerda tat-tjur fajzendi fl-Istati ta' Arkansas, ta' California, ta' Indiana u ta' Missouri fejn ġew skoperti tifqigħat tal-HPAI bejn

Frar u Mejju 2015. Għalhekk jixraq li jiġu indikati d-dati meta ż-żoni tat-territorju affettwati f'dawn l-Istati, li tqiegħdu taħt restrizzjonijiet veterinarji minħabba dawk it-tifqigħat, jistgħu jitqiesu ħielsa mill-ġdid mill-HPAI u jerġgħu jkunu awtorizzati l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti prodotti tat-tjur li joriġinaw minn dawk iż-żoni.

- (8) Għaldaqstant, l-entrata għall-Istati Uniti fil-lista fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 għandha tiġi emendata biex titqies il-qagħda epidemjoloġika attwali f'dak il-pajjiż terz.
- (9) Għaldaqstant, l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 għandu jiġi emendat skont dan.
- (10) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

Il-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 hija emendata skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Awwissu 2015.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Jean-Claude JUNCKER

<sup>(1)</sup> ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.

<sup>(2)</sup> ĠU L 343, 22.12.2009, p. 74.

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/243 tat-13 ta' Frar 2015 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 dwar l-entrata għall-Istati Uniti fil-lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti li minnhom jistgħu jiġu importati ċerti prodotti tat-tjur lejn l-Unjoni jew isir tranżitu minnha fir-rigward tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja (ĠU L 41, 17.2.2015, p. 5).

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/342 tat-2 ta' Marzu 2015 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 dwar l-entrata għall-Istati Uniti fil-lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti li minnhom jistgħu jiġu importati ċerti prodotti tat-tjur lejn l-Unjoni jew isir tranżitu minnha fir-rigward tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja wara t-tifqigħat fl-Istat ta' Idaho u dak ta' California (ĠU L 60, 4.3.2015, p. 31).

<sup>(6)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/526 tas-27 ta' Marzu 2015 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 dwar l-entrata għall-Istati Uniti fil-lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti li minnhom jistgħu jiġu importati ċerti prodotti tat-tjur lejn l-Unjoni jew isir tranżitu minnha fir-rigward ta' tifqigħat oħra tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'dak il-pajjiż (ĠU L 84, 28.3.2015, p. 30).

- (7) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/796 tal-21 ta' Mejju 2015 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 dwar l-entrata għall-Istati Uniti fil-lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu importati ċerti prodotti tat-tjur lejn l-Unjoni jew isir tranżitu minnha fir-rigward tal-influenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja wara aktar tifqigħat f'dak il-pajjiż (ĠU L 127, 22.5.2015, p. 9).
- (8) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1153 tal-14 ta' Lulju 2015 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 fir-rigward tal-entrata għall-Istati Uniti fil-lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu importati ċerti prodotti tat-tjur lejn l-Unjoni jew isir tranżitu minnha fir-rigward tal-influenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja wara aktar tifqigħat f'dak il-pajjiż (ĠU L 187, 15.7.2015, p. 10).
- (9) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1220 tal-24 ta' Lulju 2015 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 dwar l-entrata għall-Istati Uniti fil-lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu importati ċerti prodotti tat-tjur lejn l-Unjoni jew isir tranżitu minnha fir-rigward tal-influenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja wara t-tifqigħat fl-Istati ta' Indiana u Nebraska (ĠU L 197, 25.7.2015, p. 1).
- (10) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika fuq miżuri ta' saħħa biex jiproteġu s-saħħa pubblika u saħħet l-annimali fil-kummerċ ta' annimali ħajjin u prodotti minn annimali, kif approvat fisem il-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 1998/258/KE (ĠU L 118, 21.4.1998, p. 1).
-

ANNEX

Fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, l-entrata għall-Istati Uniti tinbidel b'dan li ġej:

Kodiċi ISO u isem tal-pajjiż terz jew territorju	Kodiċi tal-pajjiż terz, territorju, żona jew kumpartiment	Deskrizzjoni tal-pajjiż terz, territorju, żona jew kumpartiment	Ċertifikat veterinarju		Kundizzjonijiet speċifiċi	Kundizzjonijiet speċifiċi		Status tas-sorveljanza tal-influenza avjarja	Status tat-tilqim tal-influenza avjarja	Status tal-kontroll tas-salmoneŭla	
			Mudell(i)	Garanziji addizzjonali		Data tal-għeluq <sup>(1)</sup>	Data tal-ftuħ <sup>(2)</sup>				
1	2	3	4	5	6	6 A	6B	7	8	9	
"US — L-Istati Uniti	US-0	Il-pajjiż kollu	SPF								
			EP, E							S4	
	US-1	Iż-żona tal-Istati Uniti, minbarra t-territorju US-2	BPP, BPR, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA		N				A		S3, ST1"
			WGM	VIII							
			POU, RAT		N						
	US-2	Iż-żona tal-Istati Uniti li tikkorrispondi għal:									
	US-2.1	L-Istat ta' Washington: Il-Kontea ta' Benton Il-Kontea ta' Franklin	WGM	VIII	P2	19.12.2014	7.4.2015				
			POU, RAT		N P2						
	US-2.2	L-Istat ta' Washington: Il-Kontea ta' Clallam	WGM	VIII	P2	19.12.2014	11.5.2015				
			POU, RAT		N P2						

1	2	3	4	5	6	6 A	6B	7	8	9
	US-2.3	<p>L-Istat ta' Washington:</p> <p>Il-Kontea ta' Okanogan (1):</p> <p>(a) <b>It-Tramuntana:</b> Ibda fl-intersezzjoni ta' bejn US 97 WA 20 u S.Janis Road u ikser fuq il-lemin għal S Janis Road. Ikser fuq ix-xellug għal McLaughlin Canyon Road, ikser fuq il-lemin għal Hardy Road, u mbagħad dur fuq ix-xellug għal Chewilken Valley Road.</p> <p>(b) <b>Il-Lvant:</b> Minn Chewilken Valley Road dur fuq il-lemin għal JH Green Road, ikser fuq ix-xellug għal Hosheit Road, erga' ikser fuq ix-xellug għal Tedrow Trail Road, u ikser għal darba oħra fuq ix-xellug għal Brown Pass Road sal-linja tal-fruntiera ta' Colville Tribe. Imxi lejn il-Punent mal-linja tal-fruntiera ta' Colville Tribe u wara imxi lejn in-Nofsinhar sa ma taqsam il-US 97 WA 20.</p> <p>(c) <b>In-Nofsinhar:</b> Ikser fuq il-lemin għal US 97 WA 20, wara ikser fuq ix-xellug għal Cherokee Road, imbagħad dur fuq il-lemin għal Robinson Canyon Road. Ikser fuq ix-xellug għal Bide A Wee Road, erga' ikser fuq ix-xellug għal Duck Lake Road, dur fuq il-lemin għal Soren Peterson Road, dur fuq ix-xellug għal Johnson Creek Road, u mbagħad ikser fuq il-lemin għal George Road. Ikser fuq ix-xellug għal Wetherstone Road u mbagħad ikser fuq il-lemin għal Eplay Road.</p> <p>(d) <b>Il-Punent:</b> Minn Eplay Road ikser fuq il-lemin għal Conconully Road/6th Avenue N., ikser fuq ix-xellug għal Green Lake Road, wara dur fuq il-lemin għal Salmon Creek Road, erga' dur fuq il-lemin għal Happy Hill Road u fl-aħħar ikser fuq ix-xellug għal Conconully Road (li tiġi fil-Main Street). Ikser fuq il-lemin għal Broadway, ikser fuq ix-xellug għal C Street, wara dur fuq il-lemin għal Lake Street E, erga' dur fuq il-lemin għal Sinlahekin Road, ikser darba oħra fuq il-lemin għal S. Fish Lake Road, u erga' ikser fuq il-lemin għal Fish Lake Road. Dur fuq ix-xellug għal N. Pine Creek Road, ikser fuq il-lemin għal Henry Road (li tiġi fl-N. Pine Creek Road), wara ikser fuq il-lemin għal Indian Springs Road, erga' ikser fuq il-lemin għal Hwy 7 biex tispiċċa fil-US 97 WA 20.</p>	WGM	VIII	P2					
			POU, RAT		N P2	29.1.2015	16.6.2015			

1	2	3	4	5	6	6 A	6B	7	8	9
	US-2.4	L-Istat ta' Washington: Il-kontea ta' Okanogan (2): (a) <b>It-Tramuntana:</b> Ibda fejn US Hwy 97 taqşam il-fruntiera Kanadiża, kompli lejn il-Lvant matul il-fruntiera Kanadiża u wara dur fuq il-lemin għal 9 Mile Road (County Hwy 4777). (b) <b>Il-Lvant:</b> Minn 9 Mile Road dur fuq il-lemin għal Old Hwy 4777 li tagħti għan-Nofsinhar għal Molson Road. Ikser fuq il-lemin għal Chesaw Road, dur fuq ix-xellug għal Forest Service 3525, u erga' ikser fuq ix-xellug għal Forest Development Road 350, li tispiċċa fForest Development Road 3625. Minn hemm imxi lejn il-Punent u dur fuq ix-xellug għal Forest Service 3525, ikser fuq il-lemin għal Rone Road, erga' ikser fuq il-lemin għal Box Spring Road, imbagħad ikser fuq ix-xellug għal Mosquito Creek Road, u fl-aħħar ikser fuq il-lemin għal Swanson Mill Road. (c) <b>In-Nofsinhar:</b> Minn Swanson Mill Road ikser fuq ix-xellug għal O'Neil Road u wara imxi lejn in-Nofsinhar fUS 97. Dur fuq il-lemin għal Ellis Forde Bridge Road, ikser fuq ix-xellug għal Janis Oroville (SR 7), wara ikser fuq il-lemin għal Loomis Oroville Road, erga' ikser fuq il-lemin għal Wannacut Lake Road, ikser fuq ix-xellug għal Ellemeham Mountain Road, erga' dur fuq ix-xellug għal Earth Dam Road, ikser għal darba oħra fuq ix-xellug għal triq bla isem, ikser fuq il-lemin għal triq bla isem, imbagħad dur fuq il-lemin għal triq oħra bla isem, ikser fuq ix-xellug għal triq bla isem u fl-aħħar dur fuq ix-xellug għal triq oħra bla isem. (d) <b>Il-Punent:</b> Mit-triq bla isem dur fuq il-lemin għal Loomis Oroville Road, imbagħad ikser fuq ix-xellug għal Smilkameen Road sal-fruntiera Kanadiża.	WGM	VIII	P2					
			POU, RAT		N P2	3.2.2015	6.5.2015			
	US-2.5	L-Istat ta' Oregon: Il-Kontea ta' Douglas	WGM	VIII	P2					
			POU, RAT		N P2	19.12.2014	23.3.2015			

1	2	3	4	5	6	6 A	6B	7	8	9
	US-2.6	L-Istat ta' Oregon: Il-Kontea ta' Deschutes	WG	VIII	P2	14.2.2015	19.5.2015			
			POU, RAT		N P2					
	US-2.7	L-Istat ta' Oregon: Il-Kontea ta' Malheur	WGM	VIII	P2	20.1.2015	11.5.2015			
			POU, RAT		N P2					
	L-Istat ta' Idaho: Il-Kontea ta' Canyon Il-Kontea ta' Payette	WGM	VIII	P2						
		POU, RAT		N P2						
US-2.8	L-Istat ta' California: Il-Kontea ta' Stanislaus/Il-Kontea ta' Tuolumne: Żona b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt N fuq il-fruntiera ċirkolari taż-Żona ta' Kontroll u li testendi favur l-arloġġ: (a) <b>It-Tramuntana:</b> 2,5 mili Lvant mill-intersezzjoni bejn State Hwy. 108 u Williams Road. (b) <b>Il-Grigal:</b> 1,4 mili Xlokk mill-intersezzjoni bejn Rock River Dr. u Tulloch Road. (c) <b>Il-Lvant:</b> 2,0 mili Majjistral mill-intersezzjoni bejn Milpitas Road u Las Cruces Road. (d) <b>Ix-Xlokk:</b> 1,58 mili Lvant mit-tarf tat-Tramuntana ta' Rushing Road.	WGM	VIII	P2	23.1.2015	5.5.2015				
			POU, RAT				N P2			



1	2	3	4	5	6	6 A	6B	7	8	9
		(e) <b>In-Nofsinhar:</b> 0,70 mili Nofsinhar mill-intersezzjoni bejn State Highway132 u Crabtree Road. (f) <b>Il-Lbiċ:</b> 0,8 mili Xlokk mill-intersezzjoni bejn Hazel Dean Road u Loneoak Road. (g) <b>Il-Punent:</b> 2,5 mili Lbiċ mill-intersezzjoni bejn Warnerville Road u Tim Bell Road. (h) <b>Il-Majjistral:</b> 1,0 mili Xlokk mill-intersezzjoni bejn CA-120 u Tim Bell Road.								
	US-2.9	L-Istat ta' California:	WGM	VIII	P2					
		Il-Kontea ta' Kings: Żona b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt N fuq il-fruntiera ċirkolari taż-Żona ta' Kontroll u li testendi favur l-arloġġ: (a) <b>It-Tramuntana:</b> 0,58 mili Tramuntana minn Kansas Avenue (b) <b>Il-Grigal:</b> 0,83 mili Lvant minn CA-43. (c) <b>Il-Lvant:</b> 0,04 mili Lvant minn 5th Avenue (d) <b>Ix-Xlokk:</b> 0,1 mili Lvant mill-intersezzjoni bejn Paris Avenue u 7th Avenue (e) <b>In-Nofsinhar:</b> 1,23 mili Tramuntana minn Redding Avenue (f) <b>Il-Lbiċ:</b> 0,6 mili Punent mill-intersezzjoni ta' Paris Avenue u 15 <sup>th</sup> Avenue (g) <b>Il-Punent:</b> 1,21 mili Lvant minn 19th Avenue (h) <b>Il-Majjistral:</b> 0,3 mili Tramuntana mill-intersezzjoni ta' Laurel Avenue u 16 <sup>th</sup> Avenue	POU, RAT		N P2	12.2.2015	26.5.2015			
	US-2.10	L-Istat ta' Minnesota:	WGM	VIII	P2					
			POU, RAT		N P2	5.3.2015				

1	2	3	4	5	6	6 A	6B	7	8	9
US-2.11.1	L-Istat ta' Missouri: Il-Kontea ta' Jasper Il-Kontea ta' Barton	WGM	VIII	P2	8.3.2015	18.6.2015				
		POU, RAT		N P2						
US-2.11.2	L-Istat ta' Missouri: Il-Kontea ta' Moniteau Il-Kontea ta' Morgan	WGM	VIII	P2	10.3.2015	11.6.2015				
		POU, RAT		N P2						
US-2.11.3	L-Istat ta' Missouri: Il-Kontea ta' Lewis	WGM	VIII	P2	5.5.2015	20.9.2015				
		POU, RAT		N P2						
US-2.13	L-Istat ta' Arkansas: Il-Kontea ta' Boone Il-Kontea ta' Marion	WGM	VIII	P2	11.3.2015	13.7.2015				
		POU, RAT		N P2						
US-2.14	L-Istat ta' Kansas: Il-Kontea ta' Leavenworth Il-Kontea ta' Wyandotte	WGM	VIII	P2	13.3.2015	12.6.2015				
		POU, RAT		N P2						
US-2.15	L-Istat ta' Kansas: Il-Kontea ta' Cherokee Il-Kontea ta' Crawford	WGM		P2	9.3.2015	18.6.2015				
		POU, RAT		N P2						

1	2	3	4	5	6	6 A	6B	7	8	9
US-2.16	L-Istat ta' Montana: Il-Kontea ta' Judith Basin Il-Kontea ta' Fergus	WGM	VIII	P2	2.4.2015					
		POU, RAT		N P2						
US-2.17	L-Istat ta' North Dakota:	WGM	VIII	P2	11.4.2015					
		POU, RAT		N P2						
US-2.18	L-Istat ta' South Dakota Il-Kontea ta' Beadle Il-Kontea ta' Bon Homme Il-Kontea ta' Brookings Il-kontea ta' Brown Il-kontea ta' Hutchinson Il-kontea ta' Kingsbury Il-kontea ta' Lake Il-Kontea ta' McCook Il-Kontea ta' McPherson Il-Kontea ta' Minnehaha Il-Kontea ta' Moody Il-Kontea ta' Roberts Il-Kontea ta' Spink Il-Kontea ta' Yankton	WGM	VIII	P2	1.4.2015					
		POU, RAT		N P2						
US-2.19.1	L-Istat ta' Wisconsin: Il-Kontea ta' Barron	WGM	VIII	P2	16.4.2015	18.8.2015				
		POU, RAT		N P2						

1	2	3	4	5	6	6 A	6B	7	8	9
US-2.19.2	L-Istat ta' Wisconsin: Il-Kontea ta' Jefferson	WGM	VIII	P2	11.4.2015	17.8.2015				
		POU, RAT		N P2						
US-2.19.3	L-Istat ta' Wisconsin: Il-Kontea ta' Chippewa	WGM	VIII	P2	23.4.2015	29.7.2015				
		POU, RAT		N P2						
US-2.19.4	L-Istat ta' Wisconsin: Il-Kontea ta' Juneau	WGM	VIII	P2	17.4.2015	6.8.2015				
		POU, RAT		N P2						
US-2.20	L-Istat ta' Iowa:	WGM	VIII	P2	14.4.2015					
		POU, RAT		N P2						
US-2.21	L-Istat ta' Indiana: Il-Kontea ta' Whitley	WGM	VIII	P2	10.5.2015	8.8.2015				
		POU, RAT		N P2						
US-2.22	L-Istat ta' Nebraska: Il-Kontea ta' Dakota Il-Kontea ta' Dixon Il-Kontea ta' Thurston Il-Kontea ta' Wayne	WGM	VIII	P2	11.5.2015					
		POU, RAT		N P2						

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1364****tas-6 ta' Awwissu 2015****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 <sup>(1)</sup>,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati <sup>(2)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.
- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Awwissu 2015.

*Għall-Kummissjoni,**F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*<sup>(1)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.<sup>(2)</sup> ĠUL 157, 15.6.2011, p. 1.

## ANNEX

## Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz <sup>(1)</sup>	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	MA	152,1
	MK	31,4
	ZZ	91,8
0707 00 05	TR	126,8
	ZZ	126,8
0709 93 10	TR	122,6
	ZZ	122,6
0805 50 10	AR	134,5
	TR	109,0
	UY	147,4
	ZA	149,1
	ZZ	135,0
0806 10 10	EG	292,1
	MA	158,2
	TN	158,2
	ZZ	202,8
0808 10 80	AR	98,3
	BR	98,1
	CL	146,3
	NZ	133,8
	US	112,0
	ZA	127,4
	ZZ	119,3
0808 30 90	AR	125,5
	CL	136,5
	CN	95,2
	MK	75,0
	TR	166,5
	ZA	117,6
	ZZ	119,4
0809 29 00	TR	277,5
	US	547,8
	ZZ	412,7
0809 30 10, 0809 30 90	TR	145,9
	ZZ	145,9

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz <sup>(1)</sup>	Valur standard tal-importazzjoni
0809 40 05	BA	51,4
	IL	141,4
	MK	43,5
	XS	57,7
	ZZ	73,5

<sup>(1)</sup> In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

## RETTIFIKA

**Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1278 tad-9 ta' Lulju 2015 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 li jstabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet fir-rigward ta' struzzjonijiet, formoli u definizzjonijiet**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 205 tal-31 ta' Lulju 2015)

Fpaġna 26, fil-linji 100 sa 120 tat-tabella:

*minflok:*

“100	li minnhom: ikklerjati ċentralment permezz ta' QCCP						
110	<b>Derivattivi u Tranżazzjonijiet ta' Saldu fit-Tul</b>						
120	li minnhom: ikklerjati ċentralment permezz ta' QCCP”,						

*aqra:*

“100	li minnhom: ikklerjati ċentralment permezz ta' QCCP						
110	<b>Derivattivi u Tranżazzjonijiet ta' Saldu fit-Tul</b>						
120	li minnhom: ikklerjati ċentralment permezz ta' QCCP”.						

**Rettifika tad-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika, tal-4 ta' April 2002 dwar il-konklużjoni tas-seba' Ftehim mal-Konfederazzjoni Svizzera (2002/309/KE, Euratom)**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 114 tat-30 ta' April 2002)

(Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 11 Volum 041 p. 89)

It-titolu fil-paġna tal-Werrej u t-titolu fil-paġna 89 tal-Edizzjoni Speċjali bil-Malti:

*minflok:* “Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika, ta' l-4 ta' April 2002 dwar il-konklużjoni tas-seba' Ftehim mal-Konfederazzjoni Svizzera”,

*aqra:* “Id-Deċiżjoni tal-Kunsill, u tal-Kummissjoni għal dak li jirrigwarda l-ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika, tal-4 ta' April 2002 dwar il-konklużjoni ta' seba' ftehimiet mal-Konfederazzjoni Svizzera”.



**Rettifika tad-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE tal-25 ta' Frar 1992 dwar l-arranġamenti ġenerali għall-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa u dwar iż-żamma, ċaqliq u mmonitorjar ta' dan it-tip ta' prodotti**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 76 tat-23 ta' Marzu 1992)

(Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Volum 1, p. 179)

Fpaġna 10, l-Artikolu 22(4):

*minflok:* “4. Fil-każi riferiti fl-Artikolu 8b l-Istat Membru tat-tluq għandu, fuq it-talba tal-venditur, iħallas lura id-dazju tas-sisa mħallas meta l-venditur ikun segwa il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 10(3).”,

*aqra:* “4. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 10 l-Istat Membru tat-tluq għandu, fuq it-talba tal-venditur, iħallas lura d-dazju tas-sisa mħallas meta l-venditur ikun segwa l-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 10(3).”.

---





ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

**MT**